MALTA FOOTBALL ASSOCIATION 6



SNOOKER 38



MEUSAC 42



Nru. 127 Ottubru 2017

# SPORTIV




**Malta v Litwanja**
Tazza tad-Dinja 2018 **16**

**Premier**
Gzira United it-team sorpriża jew it-team rivelazzjoni? **18**

**Storja tal-Football**
Jinqala' l-ġlied wara l-logħba Valletta v Sliema W. **44**



**Kompetizzjoni**
Irbaħ €25 voucher ma' Teamsport




## Coach ġdid

għat-team nazzjonali Malti

Click
inewsmalta.com

immedjat | informattiv | investigattiv

iNEWS MALTA

# Ottubru 2017



**Jesmond Moore**
*Editur*

L-aktar aħbar li ddominat ix-xahar ta' Ottubru kienet il-ħatra tal-coach nazzjonali fejn l-għażla waqgħet fuq il-Belġjan Tom Saintfiet.

Għad-dilettanti tal-football lokali din l-għażla kienet għal kollox sorpriża minħabba li dan l-isem xejn m'hu sinonimu magħna l-Maltin.

Kien hemm ukoll min attakka din l-għażla permezz tal-media soċjali iżda, fl-opinjoni tiegħi, dan il-coach irid jingħata ċ-ċans biex jaħdem fostna.

Il-problema tal-media soċjali hi li din qed tintuża b'mod abbużiv biex kulħadd jibda jattakka u jfajjar kummenti bl-addoċċ ... u mbagħad jinħbew "taħt il-libertá tal-expressjoni".

Jiena naqbel perfettament mal-libertá tal-espressjoni iżda ma naqbilx li ssir il-ħsara ... u l-prinċipju tiegħi huwa li jkun wisq aktar għaqli li ma jinkiteb xejn milli, f'dan il-każ, ġiet "attakkata" l-MFA u l-amministrazzjoni tagħha.

It-team nazzjonali tagħna għandu l-limitazzjonijiet tiegħu u għaldaqstant ħadd ma jista' jistenna li jitwettqu l-mirakli



## irbaħ €25 voucher ma' TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Min inħatar bħala l-coach il-ġdid tat-team nazzjonali Malti?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 2017:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41,**
**Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 126 hija:*
**Bormla**

*Ir-rebbieħ huwa: S. Cachia - Sliema*






*All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. The term of the loan must not go beyond retirement age. Terms and conditions apply.*

If you are looking to buy your first car, upgrade or buy the car of your dreams, a BOV Personal Loan is the perfect solution. Talk to us today - we can help you get behind the wheel in no time.

**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

BOV
Bank of Valletta




**SPORTIV**
**Magażin Sportiv ta' kull xahar**

Ħarġa nru.
# 127

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
UnionPrint Co. Ltd
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg

**Cover**
Il-Belġjan Tom Saintfiet - il-coach l-ġdid tat-team nazzjonali - (Ritratt: Paul Zammit Cutajar)

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal L-ORIZZONT u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.






# Werrej

**6 MFA**
Jinħatar il-coach il-ġdid tat-team nazzjonali

**16 Malta v Litwanja**
Tazza tad-Dinja 2018

**18 Premier**
Gżira U. - it-team sorpriża jew it-team rivelazzjoni?

**24 Posters**
Hibernians, Gżira U., Sliema W. u Valletta

**28 L-Ewwel Diviżjoni**
Qormi b'punti massimi

**30 It-Tieni Diviżjoni**
Erba' timijiet fl-ewwel post

**32 It-Tielet Diviżjoni**
St Venera Lightnings jaqbżu waħedhom fil-quċċata

**34 Motorsports**
Suċċess minn Duncan Micallef, Simon Giordmaina u Franklyn Borg

**36 Youth FA**
Fażi Tal-Gruppi Kampjonati U15 u U17 – K/O - I Round

**38 Snooker**
Ding Junhui jirbaħ it-13-il titlu tal-karriera tiegħu

**40 Gozo Sport**
Numru rekord ta' parteċipanti fl-għawma bejn Għawdex u Malta

**42 Meusac**
L-Istil ta' Ħajjitna u l-Impatt fuq Saħħitna

**44 Storja tal-Football Malti**
Jinqala' l-ġlied wara l-logħba Valletta v Sliema Wanderers

**46 Tisliba/Spotball**

mfa.com.mt




# Tom Saintfiet jinħatar coach nazzjonali

## Il-coach Belġjan għandu esperjenza vasta fil-football internazzjonali

Aktar kmieni dan ix-xahar, il-Malta Football Association ħatret lil Tom Saintfiet bħala l-coach il-ġdid tat-team nazzjonali.

Il-Belġjan Saintfiet huwa s-suċċessur ta' Pietro Ghedin li temm it-terminu ta' ħames snin u nofs tiegħu, fit-8 ta' Ottubru, wara l-logħba ta' kwalifikazzjoni tal-Tazza tad-Dinja 2018 kontra s-Slovakkja.

Saintfiet, li assuma l-kariga b'effett immedjat, ġie ppreżentat lill-media waqt konferenza stampa li saret fil-kwartieri ġenerali tal-MFA, fit-13 ta' Ottubru.

Saintfiet, ta' 44 sena, huwa coach kwalifikat fil-UEFA Pro, b'esperjenza vasta fil-football internazzjonali, wara li ħadem bħala coach nazzjonali ma' bosta pajjiżi, fosthom fl-Afrika u fl-Asja.

Saintfiet intgħażel wara eżerċizzju bir-reqqa mwettaq miċ-Ċentru Tekniku tal-MFA fl-aħħar xhur. Il-kredenzjali tiegħu huma approvati wkoll mill-FA Belġjana.

"L-għarfien u l-kwalifiki ta' Saintfiet flimkien mal-esperjenza vasta tiegħu fil-football internazzjonali, tejn harreg diversi timijiet ta' pajjiżi differenti li għadhom qed jiżviluppaw, għamluh il-kandidat preferut biex jimla l-post vakanti ta' coach ta' Malta," qal il-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo.

"Aħna kuntenti li Saintfiet aċċetta l-offerta li jsir il-coach nazzjonali tagħna u aħna konvinti li se jagħmel xogħol eċċellenti kemm fit-tmexxija kif ukoll bħala membru prominenti tas-settur tekniku tagħna."

Saintfiet ingħata diversi responsabbiltajiet, fosthom il-coaching tal-youths u scouting ta' players; kollaborazzjoni mad-Direttur Tekniku tal-MFA, Robert Gatt, u l-istaff tiegħu fl-aspetti kollha; imexxi sessjonijiet ta' taħriġ, anki dawk tal-istudenti tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport; jistabbilixxi relazzjoni b'saħħitha mal-presidenti u l-istaff tekniku tal-clubs kollha Maltin u jmexxi u jipprepara lill-players tat-team nazzjonali għall-impenji internazzjonali.

Saintfiet, li beda l-karriera tiegħu bħala coach fl-età ta' 24 sena wara li kellu jtemm il-karriera bħala player




Ritratti: Paul Zammit Cutajar

minħabba bosta injuries, esprima s-sodisfazzjon tiegħu wara li ġie maħtur f'din il-kariga.

"Inħossni kburi u onorat li se nkun il coach nazzjonali l ġdid ta' Malta," qal Saintfiet, li huwa wkoll l-awtur tal-ktieb "Trainer Zonder Grenzen" (Taħriġ mingħajr fruntieri).

"L-ambizzjoni tiegħi hija li ngħin lit-team nazzjonali jimxi 'l quddiem kif ukoll nassisti biex il-football Malti jiżviluppa f'livelli differenti bl-appoġġ tal-istakeholders kollha."

L-ewwel logħba ta' Saintfiet fit-tmun tat-team Malti ser tkun il-partita ta' ħbiberija kontra l-Estonja, li ser tintlagħab, fit-12 ta' Novembru fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali.




## Pietro Ghedin iħalli l-kariga ta' coach ta' Malta

# Għamilt l-almu tiegħi biex ngħin lit-team nazzjonali u rċevejt ħafna lura

Il-logħba kontra s-Slovakkja nhar it-8 ta' Ottubru 2017, kienet l-aħħar waħda tal-coach Pietro Ghedin fit-tmexxija tat-team nazzjonali.

Ghedin ħabbar li kien se jħalli l-kariga wara ħames snin u nofs f'din ir-responsabbiltà. Huwa stess kien ħabbar dan f'konferenza tal-aħbarijiet li saret qabel iż-żewġ konfronti li Malta lagħbet kontra l-Litwanja (1-1) u s-Slovakkja (0-3).

Ghedin mexxa lit-team nazzjonali fi 72 partita internazzjonali, rekord għal football Malti. Dan kien it-tieni perjodu li Ghedin kellu dan l-irwol, bl-ewwel wieħed ikun bejn l-1992 u l-1995, fil-waqt li t-tieni beda fl 2012 meta daħal minflok John Buttigieg.

Viżibbilment emozzjonat, Ghedin qal: "Jien kburi bix-xogħol li sar f'dawn l-aħħar sitt snin. Għamilt l-almu tiegħi biex ngħin lit-team nazzjonali u l-football Malti jikbru u nista' ngħid li rċevejt ħafna lura. Kulħadd jaf li Malta huwa pajjiż għażiż ħafna għalija, it-tieni dar tiegħi."

Il-konferenza tal-aħbarijiet, li għaliha attenda wkoll id-Direttur Tekniku tal-MFA, Robert Gatt, kienet karatterizzata minn sens ta' rispett reċiproku u gratitudni lejn ix-xogħol u l-kontribut kontinwu li Ghedin ta lill-football domestiku.

"Nixtieq nirringrazzja lil kulħadd tal-appoġġ li tajtuni f'dawn is-snin kollha," qal Ghedin.

"L-appell tiegħi huwa favur l-għaqda u li kulħadd jaħdem għal għan wieħed biex il-football Malti jimxi 'l quddiem."

Is-Segretarju Ġenerali tal-MFA, Dr Angelo Chetcuti, iddeskriva lil Ghedin bħala coach professjonali u fuq kollox ġentlom. Huwa faħħar il-kontribut eċċellenti li ta lit-team nazzjonali fl-aħħar ħames snin u nofs.

"Meta kellu l-ewwel esperjenza tiegħu f'Malta bħala coach kien fis-snin disgħin u kont għadni partitarju żgħir fl-età, qal Dr Chetcuti.

"Meta beda t-tieni perjodu, kont għadni partitarju però l-irwol tiegħi bħala Segretarju Ġenerali tal-MFA tani l-opportunità li nsir naf lil Pietro iktar mill-viċin. Huwa dejjem kellu pariri siewja x'jagħti lil kulħadd. Żgur li se ngħożż id-diskussjonijiet li kelli miegħu," temm jgħid Dr Chetcuti.



Tazza tad-Dinja 2018

# Malta tikseb l-ewwel punt fi draw mistħoqq kontra l-Litwanja

Malta kisbet l-ewwel punt minn Grupp F fir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja, 2018, meta temmet il-konfront kontra l-Litwanja fi draw mistħoqq ta' 1-1.

Sa tmiem l-ewwel taqsima, l-aspettattivi għall-Maltin kienu għoljin, hekk kif daħlu jistriħu b'vantaġġ ta' goal meta urew superjoritá fuq l-avversarji.

Iżda wara li lejn tmiem l-ewwel taqsima weġġa' Andrè Schembri u kellu jinbidel fil-mistrieħ, ir-rendiment tal-Maltin wara l-mistrieħ naqas fejn ir-ritmu ma baqax l-istess biex il-Litwani rebħu l-inizjattiva għal bosta ħinijiet.

Barra minn hekk, il-goal tad-draw tal-Litwani kien daqqa ta' ħarta għall-moral tal-Maltin iżda wara mument diffiċli kmieni fit-tieni taqsima, il-players urew karattru biex reġgħu daħlu fil-logħba u anke ħolqu numru ta' ċansijiet ta' skor.

L-ewwel 20 minuta kienu ferm kwieti u kkaratterizzati minn ħafna logħob f'nofs il-ground, bl-ebda team ma joħloq xi periklu partikolari lejn il-lasti avversarji.

Iżda fl-ewwel azzjoni denja, fit-23 minuta, il-Maltin fetħu l-iskor permezz ta' xutt mill-isbaħ minn 40 metru ta' ANDREI AGIUS, fejn il-goalkeeper Litwan, Emilijus Zubas, mess il-ballun li ħabat ma' sieq il-lasta qabel intemm fix-xibka.

Dan kien it-tieni goal għal Agius bil-flokk nazzjonali Malti, bl-ieħor jasal




Il-Maltin jiċċelebraw il-goal ta' Andrei Agius kontra l-Litwanja (Ritratti: Paul Zammit Cutajar)



Zach Muscat (Malta) segwit minn Deivydas Matulevicius (Litwanja)



**Dwell bir-ras bejn Alfred Effiong (Malta) u Tomas Mikuckis (Litwanja)**

ħames snin ilu fir-rebħa ta' 3-2 fil-partita ta' ħbiberija kontra San Marino.

Ir-reazzjoni tal-Litwani kienet waħda mmedjata u fl-azzjoni li segwiet resqu ferm viċin li jiksbu d-draw meta cross minn fuq il-lemin spiċċa b'Arvydas Novikovas jirtokka l-ballun liema tentattiv ħabat mal-wieqfa bil-ballun eventwalment jasal għand il-goalkeeper Malti.

L-ewwel taqsima ntemmet b'injury għall-captain Malti, André Schembri, meta għola għall-ballun f'nofs il-ground, bil-player Litwan, Edvinas Girdvanis, ikun tard bil-konsegwenza li laqat lill-istess Schembri f'rasu minn wara. Huwa kellu jingħata attenzjoni medika biex fit-tieni taqsima ġie sostitwit minn Clayton Failla.

Appena għaddew tmien minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima, il-Litwani kisbu l-goal tad-draw.

L-azzjoni bdiet minn saqajn Egidijus Vaitkunas li għadda lejn VYKINTAS SLIVKA li avvanza fi tliet kwarti ta' ground u venven xutt minn 25 metru bogħod biex għeleb għal kollox lil Hogg bil-ballun jispiċċa fir-rokna tas-saqaf tax-xibka.

Fis-60 minuta, Hogg kien jinħtieġlu jwettaq save brillanti fuq il-free-kick ta' Arvydas Novikovas li dawwar f'corner.

Fil-71 minuta, kien imiss lill-goalkeper Litwan, Emiljus Zubas, li jdawwar f'corner il-free-kick ta' Clayton Failla li deher destinat għal għar-rokna tax-xibka.

Seba' minuta wara, il-goalkeeper Litwan reġa' kien il-protagonista meta salva d-daqqa ta' ras ta' Paul Fenech li permezz ta' devjazzjoni setgħet poġġiet lill-Maltin fil-vantaġġ.

**05.10.2017 - 20.45 hrs**

**Malta** 1
A. Agius 23

**Litwanja** 1
V. Slivka 53

HT 1-0 **National Stadium**

**Malta** – 1-Andrew Hogg, 3-Joseph Zerafa, 4-Steve Borg, 5-Andrei Agius, 8-Paul Fenech (22-Cain Attard 90), 10-Andrè Schembri (7-Clayton Failla 46), 11-Luke Gambin (16-Clyde Borg 86), 13-Zach Muscat, 17-Ryan Camilleri, 19-Alfred Effiong, 21-Steve Pisani

*Coach* – Pietro Ghedin

**Litwanja** – 1-Emiljus Zubas, 5-Tomas Mikuckis, 8-Egidjus Valtkunas, 9-Deivydas Matulevicius (19-Lukas Spalvis 80), 11-Arvydas Novikovas, 14-Vykintas Slivka, 15-Edvinas Girdvanis, 17-Mantas Kuklys, 21-Nerjus Valskis (10-Marius Papsys 46), 22-Fiodor Cernych, 23-Vytautas Andriuskevicius

*Coach* – Edgaras Jankauskas

Referee – Zaven Hovhannisyan (Armenja)

Assistenti – Mesrop Ghazaryan, Vanik Simonyan (Armenja)

Raba' Uff. – Suran Baliyan (Armenja)

Ammoniti – M. Kuklys, E. Girdvainis (L); Z. Muscat (M)

Attendenza – 3,431

Tazza tad-Dinja 2018

# Is-Slovakkja superjuri

FIFA WORLD CUP RUSSIA 2018



08.10.2017 - 18.00 hrs

Slovakkja 3
A. Nemec 33, 62. O. Duda 69
Malta 0

**HT 1-0 Stadium Antona Malatinskeho - Trnava**

**Slovakkja** – 23-Martin Dubravka, 15-Tomas Hubocan (16-Robert Mazan 87), 14-Milan Skriniar, 3-Martin Skrtel, 2-Peter Pekarik, 7-Vladimir Weiss, 17-Marek Hamsik, 22-Stanislav Lobotka, 8-Ondrej Duda, 10-Albert Rusnak (9-Jaroslav Mihalik 67), 11-Adam Nemec
Coach – Jan Kozak

**Malta** – 1-Andrew Hogg, 3-Joseph Zerafa, 17-Ryan Camilleri, 5-Andrei Agius, 4-Steve Borg, 11-Luke Gambin (7-Clayton Failla 76), 8-Paul Fenech (16-Clyde Borg 88), 6-Ryan Fenech, 21-Stephen Pisani, 10-André Schembri, 19-Alfred Effiong
Coach – Pietro Ghedin

**Referee** – Paolo Mazzoleni (Italja)
**Assistenti** – Mauro Tonolini, Andrea Crispo (Italja)
**Raba' Uff.** – Davide Massa (Italja)
**Ammoniti** – R. Fenech, S. Pisani, A. Schembri, J. Zerafa (M); O. Duda, T. Hubocan (S)
**Attendenza** – 17,774

Alfred Effiong (Malta) jirbaħ dwell bir-ras kontra Milan Skriniar (Slovakkja)



Taqtiegħa għall-ballun bejn Ryan Camilleri (Malta) u Adam Nemec (Slovakkja)

Fl-aħħar partita tal-coach, Pietro Ghedin, it-team nazzjonali Malti ħareġ tellief bl-iskor ta' 3-0 kontra s-Slovakkja li minkejja li spiċċaw fit-tieni post ta' Grupp F, kienu l-uniku team f'din il-pożizzjoni li ma kkwalifikax għall-play-offs minħabba li kellu l-inqas ammont ta' punti.

Is-Slovakki mill-ewwel urew l-intenzjonijiet tagħhom u fil-fażi inizjali rebħu l-inizjattiva fejn il-Maltin kienu kostretti jirtiraw lura fit-tentattiv li jirreżistu għall-pressjoni avversarja. Sa ċertu punt din it-tattika bdiet tirnexxi hekk kif l-avversarji bdew isibuha diffiċli biex jaslu sal-lasti tagħna.

Iżda mbagħad is-Slovakki bdew jużaw il-faxex laterali biex jippruvaw isibu l-ispazji neċessarji. Fil-verità, il-Maltin kienu sfida denja sat-tieni goal li wasal minn azzjoni mejta biex ikkrollaw psikoloġikament bil-konsegwenza li l-avversarji kkontrollaw mingħajr wisq tbatija u anke heddew lil-lasti tagħna.

Wara biss erba' minuti, il-goalkeeper Malti, Andrew Hogg, kien jinħtieġlu jagħmel save fuq xutt ċentrali ta' Milan Skriniar wara li rċieva bir-ras mingħand Marek Hamsik.

Fl-14-il minuta, Ondrej Duda seta' għamel aħjar meta sab l-ispazju iżda fortunatament għalina falla kompletament il-mira. Iżda żewġ minuti wara, is-Slovakki resqu viċin meta minn qagħda tajba, Adam Nemec li kien issikkat minn Ryan Camilleri u Andrei Agius, xeħet barra.

Fit-23 minuta, Joseph Zerafa kkommetta foul fuq Albert Rusnak f'tarf il-kaxxa l-kbira iżda mill-istess free-kick Vladimir Weiss ma rnexxielux jaħsad lil Hogg. Fl-24 minuta, Steve Borg kien providenzjali meta biegħed il-periklu wara li Hogg ma ħatafx tajjeb meta għola miegħu Adam Nemec.

Tliet minuti wara, Effiong ħarab fuq ix-xellug u pprova jittanta xortih minn pożizzjoni ferm angolata iżda l-ballun kien diġà marlu barra. Fit-33 minuta, is-Slovakki fetħu l-iskor meta Marek Hamsik għadda pass preċiż lejn ADAM NEMEC li sab l-ispazju biex antiċipa l-ħarġa ta' Hogg billi mmira lejn ir-rokna tax-xibka.

Lejn tmiem l-ewwel taqsima, Ondrej Duda xeħet cross insidjuż li kien ikklerjat għal corner b'diffikulta, minn Ryan Camilleri. U proprju mat-tmiem, l-istess Hogg salva tajjeb fuq xutt ta' Albert Rusnak minn qagħda ideali.

Disa' minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima, kien Andrei Agius li evita goal ċert meta mill-cross ta' Vladimir Weiss, xeħet f'corner meta Peter Pekarik kien pożizzjoni li seta' jixħet il-ballun fix-xibka. Mill-istess corner kien imiss lil Hogg isalva t-tentattiv ta' Skriniar minn taħt il-lasti. Fit-62 minuta, sofrejna goal li żgur seta' ġie evitat meta Hogg indirizza lejn Joseph Zerafa li tilef il-ballun għas-spejjeż ta' Skriniar li żmarka lil ADAM NEMEC li bil-kalma kollha xeħet fir-rokna tax-xibka.

Kien goal li ddemoralizza lill-Maltin hekk kif sofrejna goal ieħor fid-69 minuta meta ONDREJ DUDA kompla għal ġewwa mill-cross ta' Rusnak.

Fil-ħin miżjud is-Slovakki reġgħu resqu ferm viċin meta t-tentattiv ta' Jaroslav Mihalik għadda ma' sieq il-lasta.

## KAMPJONAT EWROPEW UNDER 21

# Malta megħluba mill-Iżvezja

It-team nazzjonali Malti ta' taħt il-21 sena, immexxi mill-coach Silvio Vella, sofra r-raba' telfa minn daqstant partiti fir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew meta, f'Helsingborg, safa megħlub mill-Iżvezja bl-iskor ta' 3-0.

Kif jindika r-riżultat, l-Iżvediżi kienu superjuri għat-team Malti fejn huma fetħu l-iskor, fil-31 minuta minn Isak Ssewankambo.

Mal-ftuħ tat-tieni taqsima, l-Iżvediżi ħarġu fuq l-offensiva u wara biss ħames minuti Carlos Strandberg irdoppja wara kontrattakk veloċi. L-istess player spiċċa bħala l-protagonista tat-team tiegħu meta ssiġilla r-rebħa fis-70 minuta.

Żvezja: Pontus Dhalberg, Linus Wahlqvist, Filip Dagerstal, Franz Brorsson, Joel Andersson, Erdal Rakip, Isak Ssewankambo, Anton Saletros, Mattias Svanberg (Joel Asoro 62), Carlos Strandberg (Jordan Larsson 80), Alexander Isak (Gustav Engvall (71) - Coach: Roland Nilsson

Malta: Philip Schranz, Jean Borg, Kurt Zammit, Karl Micallef, Dunstan Vella, Matthew Guillaumier (Juan Corbalan 54), Joseph Mbong (Zach Scerri 80), Jake Grech, Kyrian Nwoko, Jurgen Degabriele (Dexter Xuereb 84), Myles Beermen

Referee: Luis Teixeira (Portugall)

Assistenti: Manuel Fernandez, Hugo Jourdan Periera (Andorra)

Raba' Uffiċjal: Robert Gonzalez Salvado (Andorra)


Kyrian Nwoko (Malta) bejn iż-żewġ players Svediżi, Linus Wahlqvist u Filip Dagerstal

## KAMPJONAT EWROPEW UNDER 19

# Tliet telfiet għat-team Malti

It-team nazzjonali ta' Taħt id-19-il sena, immexxi minn Wayne Attard, sofra tliet telfiet minn daqstant partiti fir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew.

Dan ir-round sar f'forma ta' mini-tournament kwadrangulari li kien kompost mit-team ospitu, l-Olanda, flimkien mal-Ungerija u s-Slovenja.

Fl-ewwel logħba, il-Maltin sfaw megħluba mill-Olanda bl-iskor ta' 3-0 bil-goals jaslu minn Ferdi Kadioglu (24, 25) u Joel Piroe (87).

Imbagħad ġarrbu telfa kbira ta' 5-0 kontra s-Slovenja bl-iskorers ikunu Zan Celar (14), Tomi Horvat (16, 27), Adam Gnezda Cerin (21) u Vanja Drkusic (32). Fil-75 minuta, Horvat falla penalty meta t-tentattiv tiegħu ħabat ma' sieq il-lasta.

Fit-tielet u fl-aħħar logħba, it-team Malti safa megħlub mill-Ungerija bl-iskor ta' 5-1 bil-goal Malti jasal minn Andrea Borg (34) li kiseb id-draw momentarju wara li Norbert Kundrak (16) fetaħ l-iskor għall-Ungeriżi. Il-goals l-oħra waslu fit-tieni taqsima permezz ta' doppjetta kull wieħed minn Zsombor Bevardi (54 pen, 62 pen) u Alexander Torvund (66, 82).

Il-grupp intrebaħ mill-Olanda (7 punti) segwiti mill-Ungerija (6), is-Slovenja (4) u Malta (0).

## Żewġ punti minn tliet logħbiet għat-team Malti Under 17

It-team nazzjonali Malti ta' taħt is-17-il sena, taħt il-gwida ta' Silvio Vella, ħa sehem fit-Trofeo Nereo Rocco li sar fl-Italja x-xahar li għadda. Huma temmew l-impenji tagħhom fi Grupp D b'żewġ punti, daqs Torino. L-ewwel impenn għal Malta kien kontra Venezia, liema logħba spiċċat fi draw ta' 1-1. L-uniku goal tal-Maltin kien skorjat minn Glenn Attard. Il-Maltin tilfu t-tieni logħba kontra t-team Kroat HNK Rijeka bi skor minimu ta' 1-0. L-aħħar konfront kien kontra Torino li spiċċa fi draw ta' 1-1 bil-goal Malti jkun skorjat minn Alexander Stariano.

Kienu HNK Rijeka u Venezia li għaddew għall-kwarti tal-finali, b'dawn tal-aħħar inaqqxu isimhom għall-ewwel darba fl-istorja ta' din il-kompetizzjoni hekk kif irnexxielhom jirbħuh meta fil-finali għelbu lil Red Star Belgrade 6-4 wara l-għoti tal-penalties.

Il-parteċipazzjoni tat-team Malti ta' taħt is-17-il sena f'dan it-tournament kienet bi tħejjija għall-impenji mir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat UEFA U-17 li se jsiru f'Malta bejn is-26 ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru, 2017.

Iż-żgħażagħ Maltin se jilagħbu kontra l-Belġju, l-Irlanda ta' Fuq u l-Isvizzera fi Grupp 1.

# Konfermat il-format tal-UEFA Nations League

## Malta tikseb post f'Pot 3 ta' League D wara d-draw kontra l-Litwanja




Ix-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru 2018 se jkunu ferm impenjattivi għal Malta peress li t-team nazzjonali se jkollu sitt logħbiet ta' kwalifikazzjoni fil-UEFA Nations League, li hija kompetizzjoni li għadha kemm ġiet introdotta.

Il-UEFA Nations League ser tara l-parteċipazzjoni tal-55 assoċjazzjoni membru tal-UEFA, bit-timijiet maqsumin f'erba' diviżjonijiet skont il-qawwa tagħhom. Il-format ta' din il-kompetizzjoni ġdida kien spjegat lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv u dawk tal-Kunsill tal-MFA mis-Segretarju Ġenerali, Dr Angelo Chetcuti,.

Malta hija wieħed mis-16-il team f'League D iżda rnexxielna navvanzaw post fil-lista tal-coefficients tal-UEFA grazzi għad-draw ta' 1-1 kontra l-Litwanja f'logħba ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja li ntlagħbet fl-Istadium Nazzjonali, fil-5 ta' dan ix-xahar.

Dan ifisser li Malta issa tinsab fil-51 post fil-lista tal-coefficients tal-UEFA, qabel l-Andorra, Kosovo, San Marino u Ġibiltá.

### Dati tal-logħob

League D se jkun kompost minn erba' gruppi ta' erba' timijiet kull wieħed, bis-sitt logħbiet jintlagħbu fuq bażi ta' home u away, b'żewġ logħbiet f'ġimgħa, bejn Settembru u Novembru 2018.

Ir-rebbieħa tal-erba' gruppi f'League D javvanzaw għall-play-offs li se jsiru f'Marzu tal-2020, u r-rebbieħ globali se jkollu post awtomatiku fl-EURO 2020.

Vantaġġ ieħor tal-UEFA Nations League huwa li se joffri lit-timijiet parteċipanti opportunità oħra biex jikkwalifikaw għall-fażi finali tal-EURO, b'erba' timijiet jikkwalifikaw permezz tal-play-offs.

Jekk xi wieħed mir-rebbieħa jkunu diġà kkwalifikaw, il-post tagħhom jingħata lit-team li jikseb it-tieni l-aħjar punti f'dan il-kampjonat, u mbagħad jekk ikun hemm bżonn li t-team li jkun kiseb it-tielet l-aħjar punti, filwaqt li jitqiesu l-pożizzjonijiet fil-klassifika tal-kampjonat.

### Promozzjoni u relegazzjoni

It-timijiet li jispiċċaw fl-ewwel post tal-klassifika tal-erba' gruppi ser ikunu promossi (jew jgħaddu għall-fażi tal-aħħar erbgħa biex ikun determinat ir-rebbieħ tal-League). Filwaqt li erba' timijiet ser ikunu relegati għall-kompetizzjoni li jkun imiss fl-2020. Il-klassifikazzjoni ġenerali tal-UEFA Nations League ser tiddetermina l-kompożizzjoni tal-poloz fil-logħob ta' kwalifikazzjoni tal-kompetizzjoni UEFA li jkun imiss.

**League A** - (it-timijiet għandhom jinqasmu f'erba' gruppi ta' tlieta)

Ġermanja, Portugall, Belġju, Spanja, Franza, Ingilterra, Żvizzera, Italja, Polonja, Islanda, Kroazja, Olanda.

**League B** - (it-timijiet għandhom jinqasmu f'erba' gruppi ta' tlieta)

Awstrija, Wales, Russja, Slovakkja, Svezja, Ukrajna, Repubblika tal-Irlanda, Bosnja, Irlanda ta' Fuq, Danimarka, Repubblika Ċeka, Turkija.

**League C** - (it-timijiet għandhom jinqasmu fi grupp wieħed ta' tlieta, u tliet gruppi ta' erbgħa)

Ungerija, Rumanija, Skozja, Slovenja, Greċja, Serbja, Albanija, Norveġja, Montenegro, Iżrael, Bulgarija, Finlandja, Ċipru, Estonja, Litwanja.

**League D** - (it-timijiet għandhom jinqasmu f'erba' gruppi ta' erbgħa)

Ażerbajġan, Maċedonja, Belarus, Ġorġja, Armenja, Latvja, Gżejjer Faroe, Lussemburgu, Kazakhstan, Moldova, Liechtenstein, Malta, Andorra, Kosovo, San Marino, Ġibiltá.

Il-poloz tal-fażi tal-gruppi ser jittellgħu, fl-24 ta' Jannar, 2018 fis-SwissTech Convention Centre, Lausanne.

# Charles Deguara

## maħtur membru tal-Kumitat għall-Governanza u Konformità tal-UEFA



Charles Deguara (fin-nofs) flimkien ma' Norman Darmanin Demajo (xellug), President tal-MFA, u Dr Angelo Chetcuti, Segretarju Ġenerali tal-MFA

In-nominazzjoni ta' Charles Deguara bħala membru tal-Kumitat għall-Governanza u l-Konformità tal-UEFA (UEFA Governance and Compliance Committee) kienet approvata mit-13-il Kungress Straordinarju tal-Assoċjazzjoni tal-football Ewropea li sar fil-President Wilson Hotel, f'Ġinevra, l-Iżvizzera ix-xahar li għadda.

Is-Sur Deguara, l-Awditur Ġenerali tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, huwa wkoll membru tal-Bord tal-Appelli tal-Malta Football Association.

"F'isem l-MFA, nifraħ lil Charles Deguara għall-ħatra tiegħu bħala membru tal-Kumitat għall-Governanza u l-Konformità tal-UEFA," qal il-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo.

"Huwa unur għal pajjiżna u għall-football Malti in ġenerali li l-UEFA għażlet lis-Sur Deguara għal din il-kariga importanti li ġiet ikkonfermata mill-assoċjazzjonijiet membri tal-UEFA fil-Kungress Straordinarju."

Il-membru ġdid l-ieħor tal-Kumitat għall-Governanza u Konformità tal-UEFA huwa José Juan Pinto Sala, avukat Spanjol u Arbitru tal-Qorti tal-Arbitraġġ għall-Isport (CAS).

Is-Sur Deguara u Dr Sala ġew maħtura bħala membri indipendenti tal-kumitat imsemmi hawn fuq mill-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA fil-laqgħa li saret f'Cardiff fl-1 ta' Ġunju, 2017.

Waqt il-Kungress li sar f'Settembru, l-assoċjazzjonijiet membri tal-UEFA ħatru wkoll żewġ rappreżentanti tal-European Club Association (ECA) biex joqogħdu fuq il-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA bħala membri sħaħ għal mandat ta' erba' snin.

Dawn huma Andrea Agnelli, ta' Juventus FC, u Ivan Gazidis, li jirrappreżenta lill-club Ingliż Arsenal FC.

Il-Kungress ħatar ukoll lil Alexey Sorokin (tar-Russja) bħala membru ġdid Ewropew tal-Kunsill tal-FIFA għall-mandat sal-2021.

# L-MFA u l-PFWS iniedu kampanja kontra l-vjolenza tal-ġeneru




## - Players tat-team nazzjonali jieħdu sehem f'din l-inizjattiva

Uħud mill-aħjar players f'pajjiżna ingħaqdu mal-kampanja nazzjonali kontra l-vjolenza tal-ġeneru permezz ta' video li tnieda aktar kmieni dan ix-xahar.

L-attakkanti Michael Mifsud u Alfred Effiong, flimkien mad-difensur Andrei Agius u l-goalkeeper Andrew Hogg, jidhru fil-video li jagħmel parti minn kampanja mnedija mill-Malta Football Association u l-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà (PFWS) li għandha l-għan li jiżdied l-għarfien dwar il-problema tal-vjolenza fuq bażi ta' ġeneru.

Il-messaġġ prinċipali tal-video, li fih jidher ukoll ir-referee internazzjonali Trustin Farrugia Cann u Gabriella Zahra mit-team nazzjonali tan-nisa, huwa li m'hemm l-ebda rebbieħa fil-vjolenza fuq bażi tal-ġeneru – iżda telliefa biss – u l-players iħeġġu lill-pubbliku biex huma jeliminaw din il-pjaga darba għal dejjem.

Il-video huwa aċċessibbli fuq il-link ta' hawn taħt: https://www.facebook.com/PFWSmalta/videos/1955984344638537/

Il-każijiet rappurtati ta' vjolenza domestika f'Malta, li hija aspett wieħed tal-problema, żdiedu f'daqqa – b'1,272 każ fl-aħħar sena meta mqabbla mal-450 fl-2008, skont il-Crime Malta Annual Review.

Filwaqt li rringrazzjat lill-players għall-appoġġ tagħhom, il-President ta' Malta, Marie-Louise Coleiro Preca, qalet li "flimkien mal-MFA u l-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà, qed immexxi l-kampanja #StopGenderViolence għaliex konvinta li għandna nimmiraw lejn il-pubbliku b'mod ġenerali biex nindirizzaw il-kwistjonijiet kollha relatati mal-vjolenza fuq bażi ta' ġeneru f'Malta."

L-MFA ser tkun ukoll qed tagħti sostenn lill-kampanja fi ġranet iddedikati waqt il-logħob tal-Premier League Malti matul l-istaġun, fejn il-players se jkomplu jqajmu kuxjenza dwar il-kwistjoni.

Qabel il-partita mill-BOV Premier League bejn Gżira United u Ħamrun Spartans, li ntlagħbet fil-15 ta' Ottubru fis-Centenary Stadium, il-players tażżewġ timijiet libsu flokkijiet b'messaġġi kontra l-vjolenza tal-ġeneru.

Il-President tal-MFA Norman Darmanin Demajo qal: "Il-football huwa għodda qawwija biex jippromwovi l-kawżi tajbin u titqajjem kuxjenza dwar kwistjonijiet importanti għall-ġid tassoċjetà tagħna.

"L-MFA tappoġġja bis-sħiħ l-isforzi tal-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà biex jiżdied l-għarfien dwar din il-problema."

Football tan Nisa

# Birkirkara jirbħu s-Super Cup



Iċ-champions tal-kampjonat tal-football tan-Nisa, Birkirkara, komplew fejn ħallew l-istaġun li għadda birrebħ tad-double, hekk kif rebħu l-ewwel unur tal-istaġun, is-Super Cup, meta għelbu lil Hibernians bl-iskor ta' 3-2.

Kienet Ylenia Carabott (8) li fetħet l-iskor għal Hibernians minn penalty iżda ħames minuti wara Stephania Farrugia kisbet id-draw b'daqqa ta' ras minn corner ta' Tracy Theuma.

Madankollu, Hibernians daħlu jistrieħu fil-vantaġġ b'xutt imdawwar ta' Shona Zammit (28).

Iżda Birkirkara reġgħu kisbu d-draw minn auto-goal tal-goalkeeper Pawlista, Rita Tagliaferro, biex Raina Giusti (68) issiġillat ir-rebħa għal Birkirkara b'xutt qawwi.

# Uffiċjali Maltin f'logħbiet barra minn Malta



### Skambju ta' referees mal-Lussemburgu

Ir-referee tal-FIFA Trustin Farrugia Cann, flimkien mal-assistant referee tal-FIFA Duncan Sultana u l-Elite assistant referee Ryan Aquilina, riċentament ikkontrollaw il-logħba mill-kampjonat tal-Lussemburgu bejn US Mondorf u Rosport (3-2) ġewwa Stade John Grun.

Il-wirjiet tal-uffiċjali Maltin ġew analizzati mir-referee observer tal-UEFA Alain Hamer mill-Federazzjoni tal-Football fil-Lussemburgu.

Il-membru tar-Referees Committee, Charles Micallef, akkumpanja lit-terna arbitrali.

### Clayton Pisani f'partita tal-UEFA Europa League fil-Moldova

Ir-referee internazzjonali, Clayton Pisani, ikkontrolla l-logħba mill-Fażi tal-Gruppi tal-UEFA Europa League f'Tiraspol bejn FC Sheriff tal-Moldova u FC Copenhagen tad-Danimarka, li ntlagħbet, fit-28 ta' Settembru.

It-team tiegħu inkluda lill-uffiċjali tal-FIFA, Edward Spiteri u Mitchell Scerri bħala assistant referees, Alan Camilleri r-raba' uffiċjal, u Fyodor Zammit u l-Elite referee Philip Farrugia bħala assistant referees addizzjonali.

### UEFA Under-17 mini-tournament fis-Serbja

Ir-referee tal-FIFA Fyodor Zammit, mit-18 sal-24 ta' Ottubru 2017, ikkontrolla logħbiet minn Grupp 5 tal-Fażi ta' Kwalifikazzjoni tal-European Under-17 Championship 2018 – Norveġja v Greċja u Ġibiltà v Norveġja.

Il-Malta FA Refereeing Department appunta lill-FIFA assistant referee Chris Francalanza, li ħa sehem miegħu fiż-żewġ logħbiet imsemmija, kif ukoll fil-logħba Serbja v Norveġja (meta Fyodor Zammit kien ir-raba' uffiċjal) ma' uffiċjali Portugiżi.

Dan il-mini-tornew bejn it-timijiet tas-Serbja, in-Norveġja, il-Greċja u Ġibiltà intlagħab fiċ-Ċentru Sportiv tal-Assoċjazzjoni tal-Football fis-Serbja (Stara Pazova) u Gradski Stadion (Pancevo).

Rodger Gifford (Wales) u Robert Malek (Polonja) kienu r-referee observers tal-UEFA li evalwaw il-wtal-uffiċjali. Id-delegat tal-UEFA kien Florian Prunea (Rumanija).

# Organizzat l-ewwel seminar COREMALTA mid-Dipartiment tar-Refereeing tal-MFA



Il-grupp tar-referees flimkien mal-psikologa Sam Tabone



Il-grupp tar-referees li attenda għas-seminar

Nhar il-Ħamis, 21 ta' Settembru, il-COREMALTA Unit fi ħdan id-Dipartiment tar-Refereeing tal-MFA organizza l-ewwel seminar tal-istaġun 2017-18 għall-uffiċjali membri tal-Programm COREMALTA.

Dawn l-uffiċjali huma magħżula fuq il-mertu tagħhom bil-għan li jirfinaw l-abbiltajiet tagħhom biex ikunu jistgħu jirnexxu fl-ogħla livell.

Is-seminar fiċ-Ċentru tar-Refereeing infetaħ mid-Direttur tar-Refereeing, Kevin Azzopardi.

Kelliema mistiedna kienu l-psikologa tal-isports Samantha Tabone, li ddiskutiet it-temi dwar teħid ta' deċiżjonijiet, tmexxija u personalità filwaqt li r-referee tal-FIFA Alan Mario Sant tkellem dwar l-preparazzjoni għal-logħba.

Roberto Buontempo, membru tal-COREMALTA Unit u ex-referee fl-ogħla livell, għamel sessjoni fuq Management u Body Language.

Is-seminar intemm mill-Kap tal-COREMALTA Unit u membru tar-Referees' Committee, Stephen Mallia, bil-preżentazzjoni ntitolata "Match Analyses" permezz ta' video clips minn diversi logħbiet.

# Malta v Litwanja bir-ritratti

FIFA WORLD CUP RUSSIA 2018



Il-players Maltin jiċċelebraw il-goal ta' Andrei Agius kontra l-Litwanja

Il-partita ta' qabel l-aħħar mir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja 2018, dik kontra kontra l-Litwanja, kellha sinjifikat partikolari minħabba li kienet l-aħħar logħba tal-coach, Pietro Ghedin, quddiem il-pubbliku tagħna stess.

Dan il-konfront ġab miegħu wkoll ftit tal-fortuna hekk kif kisbna l-ewwel punt meta spiċċa fi draw ta' 1-1. Kien Andrei Agius li fetaħ l-iskor, fit-23 minuta, għall-Maltin iżda l-Litwani kisbu d-draw minn Vykintas Slivka tmien minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima.



Mantas Kuklys (Litwanja) segwit minn Alfred Effiong (Malta)



Steve Borg (Malta) ostakolat minn Fiodor Cernych (Litwanja)

ritratti: Christine Borg, Dominic Borg



Il-coach Pietro Ghedin



Il-formazzjoni inizjali tal-Litwanja



Luke Gambin (Malta) jaqbeż lil Egidijus Vaitkunas (Litwanja)



Deivydas Matulevicius (Litwanja) jiddefend l-ballun minn Ryan Camilleri (Malta)



Il-formazzjoni inizjali ta' Malta




# Gzira United

## it-team sorpriża jew it-team rivelazzjoni?

Wara li ntlagħbet is-seba' ġurnata tal-Kampjont BOV Premier, Gzira United jinsabu jokkupaw il-quċċata tal-klassifika. Iżda t-team li l-istaġun li għadda kien promoss fl-ogħla diviżjoni ... huma t-team sopriża jew it-team rivelazzjoni?

Bla dubju, dawn iż-żewġ teoriji jaqgħu taħt l-istess kategorija. Min kien jobsor qabel l-islaġun li sas-seba' ġurnata l-Maroons ikunu l-leaders assoluti? Il-Gżirjani xorta waħda għadhom jitqiesu bħala team modest li ħareġ mill-ombra u qed jissorprendi lil kulħadd.

It-team immexxi mill-coach Darren Abdilla rnexxielu jegħleb ukoll liż-żewġ ostakli kbar - Birkirkara (2-0) u Hibernians (3-2) u għaldaqstant għandhom l-ingredjenti kollha biex jiġu meqjusa bħala t-team rivelazzjoni fejn qegħdin ukoll jiksbu r-rispett tal-avversarji.

Iżda aktar ma jimmatura l-kors tal-kampjonat wieħed irid jara kemm Gzira United se jkunu kapaċi jirreżistu għall-pressjoni li se ġġib magħha din il-pożizzjoni li jinsabu fiha hekk kif kull team jibda "joħroġ speċifikament biex jirbħilhom". Nistennew u naraw.

Valletta, li kellhom bidu kemmxejn negattiv, bħal donnhom ġejjin minn wara. Il-tatt li kienu qed jigu kkritikati minħabba li bdew ibatu biex jiskorjaw, issa qed juru l-forma solita tagħhom u sakemm jirkupraw lill-players mill-injuries rispettivi, se jilħaq ikollhom l-iskwadra għad-dispożizzjoni fil-mument opportun biex jisfidaw għar-rebħ tat-titlu.

Iċ-champions Hibernians ukoll mistennija li jkunu fit-taqtiegħa. Huma għandhom il-potenzjal u l-kredenzjali kollha neċessarji biex jisfidaw. Anke jekk forsi ma wrewx l-aħjar football. L-istaġun li għadda, fis-seba' ġurnata huma kienu jokkupaw it-tielet post, b'sitt punt taħt il-leaders Balzan ... u rebħu l-kampjonat. Dan l-istaġun jinsabu wkoll fit-tielet post ... b'ħames punti taħt il-leaders.

Anke Balzan, li bdew fuq nota mill-aktar negattiva, jidhru li qed isibu l-formula ġusta biex b'mod gradwali telgħin is-sellum tal-klassifika.

Floriana, li bħal Gzira United għadhom mingħajr telfa, ukoll qed jitqiesu li jistgħu jisfidaw għall-unuri meta jidher li għandhom team kompatt iżda fil-verità jridu jkunu aktar inċiżivi quddiem il-lasti avversarji minħabba li jfallu wisq




ritratti: Christine Borg, Dominic Borg

ċansijiet.

Sliema Wanderers huma neqsin mill-konsistenza u jfallu wisq punti ma' dawk it-timijiet meqjusa "żgħar". B'hekk huma qed jinqatgħu mit-timijiet ta' fuq fit-tentattiv li jisfidaw għal post fil-UEFA Europa League.

Birkirkara huma l-akbar diżappunt s'issa. Huma kienu l-aktar club attiv fis-suq tat-trasferimenti .... bidlu t-tmexxija tat-team wara żewġ partiti ... iżda xorta waħda jinsabu fl-10 post.

Imbagħad hemm tliet timijiet - Hamrun Spartans, Mosta u Senglea Athletic, jinsabu fiż-żona komda filwaqt li l-erba' timijiet ta' St Andrew's, Tarxien Rainbows, Naxxar Lions u Lija Athletic, se jkunu f'taqtiegħa diretta min se jsalva postu fl-ogħla diviżjoni.

# Amadou Samb huwa l-BOV Player tax-Xahar ta' Settembru



Il-manager tal-Fergħa tal-BOV tal-Gżira, Patricia Cutajar, tippreżenta t-trofew lil Amadou Samb

Il-player ta' Gzira United, Amadou Samb, ġie vvutat il-BOV Player tax-Xahar għal Settembru 2017.

L-attakkant mis-Senegal ħalla s-siġill tiegħu sa mill-bidu tal-Kampjonat BOV Premier meta skorja f'kull partita b'total ta' tmien goals f'sitt logħbiet biex jinsab ukoll fil-quċċata tal-lista tal-iskorers.

Huwa sab ix-xibka darbtejn kontra ċ-champions renjanti, Hibernians, kif ukoll skorja goal wieħed kontra St Andrew's u Floriana, b'dan tal-aħħar jasal minn penalty proprju fl-94 minuta biex għamel l-iskor 1-1 u b'hekk salva r-riżultat għall-Maroons.

Il-manager tal-Fergħa tal-Bank of Valletta tal-Gżira, Patricia Cutajar, ippreżentat it-trofew tal-BOV Player tax-Xahar għal Settembru, 2017, lil Amadou Samb fil-preżenza ta Anthony Scicluna, chief officer fi ħdan il-BOV.

L-istess Samb għażel lil Puttinu Cares biex jibbenefikaw mid-donazzjoni assoċjata ma' dan l-unur.

# ... u Michael Mifsud huwa dak ta' Awwissu



Il-manager tal-Fergħa tal-BOV tal-Belt Valletta, Charles Grech Soler, jippreżenta t-trofew lil Michael Mifsud

L-attakkant internazzjonali Malti ta' Valletta, Michael Mifsud, huwa l-BOV Premier League Player tax-Xahar ta' Awwissu 2017.

Mifsud fetaħ il-kont tal-goals tiegħu għall-istaġun 2017/18 bir-rebħa ta' Valletta fuq Senglea bl-iskor ta' 1-0 fejn huwa ġie wkoll ivvotat bħala l-aħjar player tal-logħba. Fit-33 minuta tal-logħba, Zerafa għadda b'mod preċiż lejn l-attakkant veteran fil-kaxxa l-kbira fejn Mifsud wera l-klassi kollha tiegħu meta b'daqqa ta' takkuna għeleb lill-goalkeeper ta' Senglea, Thomas Aquilina. Mifsud kellu wkoll wirja brillanti fil-logħba tal-ftuh tal-kampjonat, fir-rebħa ta' 1-0 fuq Mosta. Minkejja li ma kienx fost l-iskorers, huwa kien strumentali f'din ir-rebħa fejn resaq ukoll viċin iżda t-tentattiv tiegħu ġie mblukkat fil-ħin minn Zach Brincat li dawwar f'corner.

Il-manager tal-Fergħa tal-Bank of Valletta, fi Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta, Charles Grech Soler, ippreżenta t-trofew b'disinn ġdid tal-BOV Player tax-Xahar lil Mifsud li għażel lil Puttinu Cares biex jibbenefikaw mid-donazzjoni assoċjata ma' dan l-unur.

Il-Bank of Valletta huwa sponsor ewlieni tal-inizjattivi sportivi f'Malta permezz tal-Programm Komunitarju estensiv tiegħu u dan huwa t-13-il staġun konsekuttiv li l-BOV qed ikun wieħed mill-isponsors prinċipali tal-Malta Football Association.

# KAMPJONAT PREMIER

## I Round

**Logħba Nru 36 - 29.09.2017 - 18.00 hrs**

**Floriana** 1
M. Vella 47
**Gzira United** 1
A. Samb 94 pen
HT 0-0 **National Stadium**

**Floriana** – 12-Ini Etim Akpan, 3-James Baldacchino, 5-Enrico Pepe, 6-Enzo Ruiz, 9-Ignacio Varela, 10-Maurizo Vella, 22-Alex Cini, 26-Arthur Oyama, 30-Dylan Grima (77-Leighton Grech 80), 89-Mario Fontanella, 91-Emerson Marcellina
Coach – Giovanni Tedesco
**Gzira U.** – 17-Justin Haber, 23-Garya Muir, 13-Clifford Gatt Baldacchino, 25-Souleymane Diamoutene (9-Luca Brincat 83), 14-Moises Avila Perez, 16-Karl Pulo (11-Juan Corbolan 70), 21-Roderick Briffa, 10-Andrew Cohen, 20-Samba Tounkara, 31-Ndubisi Emmanuel Okoye, 77-Amadou Samb
Coach – Darren Abdilla
**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Roberto Vella, Paul Apap
**Raba' Uff.** – Darryl Agius
**Ammoniti** – I. Varela, L. Grech (F), M. Avila Perez, K. Pulo, A. Cohen (G)
**Tkecca** – S. Tounkara 84 (Gzira U.)

## I Round

**Logħba Nru 37 - 29.09.2017 - 18.00 hrs**

**Balzan** 4
R. Fenech, 10, B. Kaljevic 52 pen, 69, A. Effiong 87 (B)
**Lija Athletic** 3
E. Beu 20 pen, L. J. Schembri 24, A. Bello-Osagie 59 (LA)
HT 1-2 **Victor Tedesco Stadium**

**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 11-Steve Bezzina, 15-Michael Johnson, 17-Alfred Effiong, 18-Uros Ljuobmirac, 6-Ryan Fenech, 5-Samir Arab, 16-Clive Brincat (86-Bojan Kaljevic 46), 8-Paul Fenech, 30-Carlos Eduardo De Fiori Mendes (99-Milos Lepovic 88), 9-Alex Da Paixao Alves (44-Jacob Borg 90)
Coach – Marko Micovic
**Lija A.** – 12-Luke Bonnici, 3-Predrag Babic (5-Patrick Borg 71), 4-Leon Muscat, 6-Daniel Scerri, 7-Erjon Beu, 9-Leejoe Schembri (23-Aiden Galea 88), 10-Antoine Borg (2-Carl Cassar 45), 11-Abubakar Bello-Osagie, 13-Clinch McAllister, 24-Ousmane Sidibe, 34- Djamel Leeflang
Coach – Joseph Galea
**Referee** – Laurent Kopriva (Lussemburgu)
**Assistenti** – Gilles Be- c-ker, Claude Ries (L'burgu)
**Raba' Uff.** – Stefan Pace
**Ammoniti** – C. Brincat, A. Da Paixao Alves, M. Johnson (B) O. Sidibe, D. Scerri, M. Clinch, A. Bello-Osagie (LA)

## I Round

**Logħba Nru 38 - 29.09.2017 - 20.00 hrs**

**Birkirkara** 0

**Valletta** 3
M. Mifsud 12, K. Nwoko 31, Denni dos Santos 62 (V)
HT 0-2 **National Stadium**

**Birkirkara** – 1-Philip Schranz, 22-Cain Attard (20-Ernest Nfor 75), 6-Matthew Guillaumier (2-Edward Herrera 61), 10-Jake Grech, 27-Luke Montebello, 7-Ryan Camenzuli (28-Alex Nilsson 61), 15-Nikola Vukanac, 8-Mislav Andelkovic, 13-Martin Klein, 14-Mulano Landry, 30-Bruno Fernandez De Brito
Coach – Paul Zammit
**Valletta** – 1-Henry Bonello, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 6-Juan Gill Cruz, 8-Santiago Malano, 9-Michael Mifsud (21-Denni Rocha dos Santos 46), 14-Kyrian Nwoko, 16-Jean Borg (22-Nicholas Pulis 69), 19-Joseph Zerafa, 20-Raed Ibrahim Saleh, 23-Claudio Pani (10-Matteo Piciollo 28)
Coach – Zoran Popovic
**Referee** – Mario Apap
**Assistenti** – Chris Francalanza, Peter Abela
**Raba' Uff.** – Glenn Tonna
**Ammoniti** – M. Landry, E. Nfor (B), D. Rocha Dos Santos (V)

## I Round

**Logħba Nru 39 - 29.09.2017 - 20.00 hrs**

**Hibernians** 1
J. E. Dos Santos 26
**Naxxar Lions** 1
J. Fenwick 7
HT 1-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 4-Dunstan Vella, 5-Martin Kreuzriegler, 6-Rui Da Gracia Gomes (19-Johann Bezzina 63), 8-Rodolfo Soares, 9-Marcelo Dias, 11-Bjorn Kristensen (10-Jurgen Degabriele 72), 13-Clayton Failla, 20-Andrei Agius, 31-Marco Sahanek, 23-Jorge Elias dos Santos
Coach – Mark Miller
| U17 K.O. - 1st Rd | Zejtun | vs | Balzan | | 1 | : | 0 |
| U17 K.O. - 1st Rd | Mtarfa | vs | Lija/Iklin | | 1 | : | 4 |
| U17 K.O. - 1st Rd | Gzira | vs | Sirens | | 0 | : | 4 |
| U17 K.O. - 1st Rd | Kirkop | vs | Melita | | 1 | : | 3 |
| U17 K.O. - 1st Rd | Mosta | vs | Naxxar | pen | 4 | : | 3 |
| U17 K.O. - 1st Rd | Swieqi | vs | Pieta | | 1 | : | 5 |
| U17 K.O. - 1st Rd | Valletta | vs | Mqabba | | 3 | : | 1 |
| U17 K.O. - 1st Rd | Mellieha | vs | Floriana | | 0 | : | 5 |
| U17 K.O. - 1st Rd | Hamrun | vs | Birzebbugia | | 2 | : | 0 |
| U17 K.O. - 1st Rd | Rabat | vs | Sliema | | 1 | : | 6 |
| U17 K.O. - 1st Rd | St. Andrews | vs | Zabbar | | 3 | : | 0 |
| U17 K.O. - 1st Rd | Birkirkara | vs | Mgarr | | 11 | : | 0 |

# Ding Junhui jirbaħ it-13-il titlu tal-karriera tiegħu



Ding Junhui bit-trofew wara li rebaħ il-Yushan World Open

Ding Junhui għeleb lil Kyren Wilson 10-3 biex rebaħ il-Yusan World Open għat-13-il titlu tal-karriera tiegħu li ġie 12-il sena wara l-ewwel wieħed meta kien rebaħ iċ-China Open fl-2005 kontra Stephen Hendry meta kien għad għandu 18-il sena.

Ir-rebħa ġġorr sinjifikat kbir għall-istilla numru wieħed Ċiniż, li biha huwa tela' jokkupa t-tieni post tar-rankings tad-dinja waqt li fil-process huwa għadda lil Mark Selby u lil Neil Robertson, li t-tnejn għandhom 12-il titlu wara isimhom.

It-tielet finali ranking ta' Wilson ma marritx bil-mod kif xtaq. L-ewwel u l-unika trofew li rebaħ s'issa kien ix-Shanghi Masters fl-2015 fejn kien għeleb lil Judd Trump 10-9 f'logħba eċċitanti. Il-finali tal-bieraħ żvolġiet bħala waħda li xaqilbet fuq naħa waħda.

Kienet il-parti tal-ftuħ tal-ewwel sessjoni li fiha Ding ħa l-inizjattiva u għamel l-iktar ħsara lill-avversarju tiegħu. Imbagħad il-player ta' 30 sena rebaħ ħames frames konsekuttivi biex fetaħ vantaġġ ta' 6-1. Iżda Wilson irrisponda tajjeb b'żewġ breaks ta' 104 u 66 biex daħlu jistrieħ 6-3 u ta tama lilu nnifsu għat-tieni sessjoni ta' fil-għaxija.

Madankollu l-Warrior naqas li jieħu l-momentum fis-sessjoni finali għax kien Ding li kiseb lura l-kontroll tal-logħba fejn wera l-kapaċitajiet tiegħu li jibni l-breaks l-ewwel bi tlieta wara xulxin ta' 67, 93 u 58 lejn it- tmiem tal-ewwel sessjoni u mbagħad b'erba' wara xulxin ukoll ta' 67, 69, 71 u 54 biex issiġilla r-rebħa.

It-13-il frame ġie mirbuħ fuq l-aħħar roża li eventwalment Ding ippottja biex qabeż il-linja tat-tmiem u rebaħ it-titlu.

Wara r-rebħa Ding, li dan għalih kien is-sitt titlu ta' tournament ranking li rebaħ fiċ-Ċina, ammetta li hija xi ħaġa speċjali li jirbaħ quddiem il-partitarji tiegħu.

Ding, li minbarra t-trofew rebaħ il-premju ta' £150,000, qal: "Il-pubbliku ta' pajjiżi dejjem jissapportjani bl-istess mod li jagħmlu ma' Ronnie O'Sullivan fir-Renju Unit. Din tagħmel differenza kbira. Tista' tara b'għajnejk li xi players ma jieħdux pjaċir biha, iżda trid titgħallem kif tiffaċċjaha. Fl-ewwel ftit snin sibtha diffiċli fl-Ingilterra, iżda hija xi ħaġa li trid taċċetta.

"Ilni nilgħab il-ġimgħa kollha u kont iffukat fuq dan it-tournament. Ninsab kuntent bil-mod li lgħabt. Ħassejtni tajjeb dieħel fl-aħħar sessjoni. Irbaħt l-ewwel tlieta u fl-aħħar frame kont xi ftit eċċitat iżda ssuperajtu. L-iskor kien iqarraq xi ftit, iżda ma ħassejtx daqstant pressjoni. Sempliċiment lgħabt il-logħba.

Min-naħa tiegħu Wilson faħħar lill-avversarju tiegħu talli approfitta ruħu mill-bidu mhux daqstant tajjeb tiegħu tant li ttimbra l-awtorità tiegħu fuq il-logħba.

"Matul il-logħba, dak kollu li għamilt deher ġej kontra u beda jmur ħażin. Kont qed nilgħab biex inżomm il-pass miegħu mill-bidu nett. Ding, li huwa player ta' klassi, ħa vantaġġ minn dan u kien diffiċli li jitwaqqaf," qal il-player ta' 25 sena.

"Meta tkun 6-1 minn taħt taħseb li hija triq twila biex tirkupra, iżda li tirbaħ dawk iż-żewġ frames fissru li dħalt lura fil-logħba meta ġejt 6-3 minn taħt. Sempliċiment ma bdejtx daqstant tajjeb fis-sessjoni ta' fil-għaxija u huwa ħa vantaġġ massimu," temm jgħid Wilson, li l-premju finanzjarju tiegħu bħala finalista huwa ta' £75,000.

Fis-sitt logħbiet li lagħbu matul it-tournament iż-żewġ players ma kienux neqsin mis-century breaks meta Wilson għamel sitta – 135, 127, 127, 113, 104 u 102 waqt li Ding għamel erbgħa – 128, 121, 110 u 108.

L-ikbar break tat-tournament, 143, sar minn Li Hang waqt li Jimmy Robertson u Thepchaiya Un-Nooh (darbtejn) għamlu 142.

Il-frames kollha żvolġew hekk:

Ding Junhui v Kyren Wilson 10-3 – 88-28, 1-71 (64), 61-16, 75-8 (67), 93-7 (93), 70-43 (58), 70-23, 0-104 (104), 8-79 (66), 67-14 (67), 107-6 (69), 71-14 (71), 67-61 (Ding 54).

# Judd Trump jirbaħ it-tmien tournament personali



Judd Trump bit-trofew wara li rebaħ il-European Masters 2017 fil-Belġju

Judd Trump iddefenda tournament ranking għall-ewwel darba fil-karriera tiegħu meta rebaħ it-titlu tal-European Masters f'finali pjaċevoli li fiha għeleb lil Stuart Bingham 9-7 f'Lommel, il-Belġju.

Trump kien irrekordja rebħa stupenda ta' 9-8 fuq Ronnie O'Sullivan biex rebaħ it-titlu 12-il xahar ilu. Sena wara u l-'Ace in the Pack' reġa' sab ruħu għal darb'oħra fil-finali.

Huwa ffaċċja ripetizzjoni tal-finali tal-Welsh Open ta' iktar kmieni fis-sena li kien tilef bi ftit kontra Bingham. F'din l-okkażjoni kien il-player ta' 28 sena, Trump, li spiċċa minn fuq.

Rebħa u l-ogħla premju ta' £75,000 għenu lill-player numru 4 fir rankings tad dinja, Trump, biex jagħlaq id-distakk fuq John Higgings li jinsab fit-tielet post.

Dan huwa t-tmien titlu tal-karriera ta' Trump li bih qabeż lil Shaun Murphy fit-12-il post fil-lista tat-titli mirbuħa.

Bingham iddispjaċih li ċeda vantaġġ ta' 4-2 fl-ewwel sessjoni li spiċċat fi draw ta' 4-4. Iżda ċ-champion tad-dinja ta' sentejn ilu jista' jirrifletti fuq l-aqwa wirja f'tournament dan l-istaġun u l-premju ta' £35,000 għat-tieni post.

Is-sessjoni ta' fil-għaxija ntlagħbet b'pass tremend, biż-żewġ players jirrispondu b'botta u risposta lil xulxin bi breaks kbar fejn kien Bingham li għamel century break sublimi ta' 130 qabel ma Trump għamilhom 5-5 b'kontribuzzjoni ta' 107.

Il-player minn Bristol rebaħ iż-żewġ frames ta' wara biex fetaħ vantaġġ tajjeb sa nofs is-sessjoni meta kien 7-5 minn fuq.

Madankollu, Bingham kellu jitħabat biex rebaħ żewġ frames wara xulxin tant li għal darb'oħra ppareġġa għal 7-7.

Minn hawnhekk Trump baqa' sejjer sat-tmiem fejn rebaħ il-15-il frame qabel ma għalaq bi stil bi break ta' 107.

Ir-rebbieħ ta' tmien titli wara l-logħba qal: "Hija ħaġa sabiħa li tirbaħ żewġ tournaments wara xulxin, dan huwa għan ieħor tiegħi. Irrid nagħmel tajjeb kemm jista' jkun f'kull tournament u nipprova nirbaħ tournaments kbar kemm nista'.

"Naħseb li ħadt xi ftit logħbiet biex nidra u nerġa' nkun hemm barra għax dan l-istaġun ma tantx lgħabt ħafna. Ma kontx daqstant penetranti fl-ewwel ftit logħbiet peró kbirt fit-tournament. Lgħabt tajjeb ħafna fis-semi-finali u dan għeni ħafna għal-logħba tal-lum. Stuart laghab tajjeb ħafna u forsi xi ftit aħjar minni wkoll. Irnexxieli nistikkja u salmistrieħ nagħmilhom 4-4. Li rbaħt dan it-tournament is-sena l-oħra tani inċentiv tajjeb biex niddefendi t-titlu."

Bingham kien diżappuntat li ma rebaħx it-tieni unur ranking f'din is-sena kalendarja meta ħass li kien qed jilgħab tajjeb biżżejjed biex ikollu ċ-ċans għat-titlu.

"Illum ħriġt hemm barra u għamilt tliet century breaks. Ħassejtni komdu," qal Bingham. "Kien hemm xi erba' frames li setgħu marru kull naħa. Huwa kellu mixja pożittiva fiż-żmien opportun.

"Tajtu maskra f'xi żewġ okkażjonijiet u huwa ħareġ minnhom. Fit-tmiem spiċċat 9-7, iżda rrid nipprova nieħu l-pożittiv."

It-tmien titli ranking li rebaħ Trump fil-karriera tiegħu huma:

China Open 2011; UK Championship 2011; International Championship 2012; Australian Open 2014; China Open 2016; European Masters 2017; Players Championship 2017; European Masters 2017.

Il-frames kollha żvolġew hekk:

Judd Trump v Stuart Bingham 9-7 – 13-63, 72-23, 0-81 (73), 94-1 (90), 20-107 (107), 2-107 (101), 78-0 (59), 71-47, 1-130 (130), 107-0 (107), 73-17 (66), 75-42, 0-69, 0-79 (78), 79-39 (66), 107-0 (107).

Il-total ta' punti ppottjati raw lil Trump joħroġ minn fuq, 792-805, differenza favur tiegħu ta' 193 punt.

minn Joe Bajada

# Farrugia, Zammit, Sultana u Chircop jiddominaw l-attivitá tal-ASMK f'Għawdex




Bejn il-Ġimgħa 8 u l-Ħadd 10 ta' Settembru 2017, l-Assoċjazzjoni Sport Muturi u Karozzi (ASMK) organizzat b'suċċess ir-raba' attivitá bil-karozzi Autocross fil-Kumpless tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel f'Ta' Xħajma, Għawdex. Din l-attivitá saret bil-kollaborazzjoni u l-għajnuna tal-Ministru għal Għawdex li aktar kmieni kien offra s-sapport tiegħu għal żewġt attivitajiet li l-Għaqda tal-ASMK torganizza f'Għawdex.

Ix-xogħol li sar fuq il-korsa temporanja għal Karozzi Autocross dam sejjer ġimgħa b'diversi xogħlijiet li saru bl-għajnuna ta' ħaddiema tal-Gvern u l-Uffiċjali tal-ASMK. Dan sar b'maniġġjar tajjeb ta' riżorsi u makkinarju li għandha l-ASMK li ġie trasportat għal Għawdex u makkinarju ieħor li matul dik il-ġimgħa ġew minn diversi benefatturi kif ukoll mill-Ministeru għal Għawdex.

L-Assoċjazzjoni tixtieq tirringrazzja wkoll lil Gozo Horse Racing Association (GHRA) li aċċettaw it-talba tal-ASMK għall-użu ta' parti mill-korsa biex tinbidel f'korsa temporanja għall-karozzi Autocross. Dan sar biss għal ftit jiem. Għajnuna oħra biex din l-attivitá setgħet isseħħ waslet ukoll mill-Korp tal-Pulizija, mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet f'Għawdex, mill-Gozo Sports Board, mir-Road Construction Ltd, Gatt Construction Ltd, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) u fl-aħħar u mhux l-inqas grazzi speċjali lill-familja Apap mir-Rabat li assistew lill-Uffiċjali tal-ASMK f'kull problema li ltaqgħu magħha matul il-ġimgħa ta' tħejjija tal-korsa temporanja.

L-għan prinċipali ta' din l-attivitá kien biex jinġabru fondi b'risq il-Fondazzjoni Arka. Grazzi għall-ġenerożitá tal-ispettaturi li attendew għal din l-attivitá ta' darba fis-sena, ikkontribwixxew bid-donazzjoni tagħhom.

Waqt il-preżentazzjoni tat-trofej lil kompetituri rebbieħa, il-viċi-president tal-Għaqda, Johnny Micallef, irringrazzja lil kull min ta s-sehem tiegħu u qal jekk għajnuna simili tkun ipprovduta, l-Assoċjazzjoni terġa' torganizza avvenimenti oħra bħal dawn kemm bil-karozzi kif ukoll bil-muturi f'Għawdex matul issena li ġejja.

Fil-kompetizzjonijiet li saru, 31 kompetitur irreġistraw fejn dawn kienu maqsuma fi tliet klassijiet, dik Autocross Modified bis-sewwieqa Maltin, klassi oħra bis-sewwieqa Għawdxin u Autocross Standard bis-sewwieqa Maltin.

Fl-Autocross, bis-sewwieqa Maltin Jean Paul Grech fuq Peugeot 106 u Vince Farrugia fuq VW Polo jirreġistraw l-ogħla punteġġ tal-ġurnata. Minkejja li dawn ma rebħux il-heats kollha tal-ġurnata, xorta kienu l-ewwel sewwieqa li ssiġillaw posthom fil-fażi finali.

Magħhom ikkwalifikaw Jonathan Camilleri fuq Opel Corsa, Andrew Pisani fuq Vauxhall Nova, Karl Micallef fuq Ford Fiesta u Noel Zammit fuq Opel Corsa. Mat-tluq ta' din il-finali, Farrugia kellu ħruġ tajjeb segwit minn Pisani u Micallef. L-attenzjoni marret mill-ewwel fuq Grech li mill-aħħar pożizzjoni beda javvanza sakemm wasal wara Micallef, b'dan ta' l-aħħar jiddefendi postu sal-aħħar. Ftit qabel tmiem din il-finali Pisani żviluppatlu ħsara mekkanika fir-rota ta' quddiem fejn kellu finalment iċedi postu. Ir-riżultat finali spiċċa b'Farrugia jirbaħ din il-finali segwit minn Micallef u Grech.

Fl-Autocross, bis-sewwieqa Għawdxin, Domenic Zammit fuq Alfa Sud rebaħ il-finali Klassi A segwit minn Marvin Grima fuq Opel Corsa. Fit-tielet post spiċċa Joseph Agius fuq Ford Fiesta filwaqt li firraba' post temm Mario Attard fuq Ford Fiesta wkoll.

Fil Finali Klassi B bis sewwieqa Għawdxin, Marvic Sultana fuq Toyota Starlet rebaħ din il-finali segwit minn Joseph Gauci fuq Alfa Sud. Fit-tielet post spiċċa Godwin Mizzi fuq Honda Civic filwaqt li fir-raba' post spiċċa Lawrence Attard fuq Peugeot 306

Fl-Autocross Standard bis-sewwieqa Maltin kienet mirbuħa minn Nicovich Chircop fuq Peugeot 106 segwit minn Joseph Spiteri fuq Opel Corsa, Joseph Micallef fuq Opel Nova, Karl Curmi fuq Opel Corsa u Kyle Agius fuq Renualt 5 rispettivament.

# Numru rekord ta' parteċipanti fl-għawma bejn Għawdex u Malta



Numru rekord ta' 130 atleti ħadu sehem fl-għawma annwali bejn Għawdex u Malta organizzata mis-sezzjoni tal-Għawn ta' Birkirkara St Joseph.

Din il-Birkirkara St Joseph Garmin Malta – Gozo – Malta u Gozo-Malta Open Water Swimming Championship saret taħt l-awspiċi tal-Aquatic Sports Assocation ta' Malta (ASA). Dawn it-tiġrijiet saru bl-għajnuna ta' Garmin (Malta) u r-Ramla Bay Hotel.

L-għawma Malta-Gozo-Malta kienet fuq rotta ta' 11-il kilometru fejn hawn ħadu sehem 14-il għawwiem, 9 maskili u 5 feminili. It-tiġrija l-oħra bejn il-Bajja ta' Hondoq ir-Rummien fil-Qala, Għawdex u l-Marfa, Malta kienet fuq rotta ta' 5.9 kilometru. Fiha pparteċipaw 123 għawwiema maqsuma fi 86 raġel u 37 mara.

It-tluq tat-tiġrija Malta – Għawdex – Malta sar fis-6.30 am, mentri t-tiġrija l-oħra bdiet fit-8.15 am. Il-kundizzjonijiet tat-temp kienu tajbin ħlief għal xi kurrenti qawwija, partikolarment fil-Kanal tat-tramuntana ta' Kemuna.

Fit tiġrija tal 11 il kilometru ħarġu rebbieħa Andrew Sultana u Sarah Demicoli. Sultana spiċċa rebaħ l-edizzjoni tal-2017 f'ħin ta' 2:41:09. Il-forza 3/4 tar-riħ mill-punent/tramuntana kienet xi ftit ta' ostaklu fl-għawma lejn Għawdex.

Madankollu fil-proċess lura lejn Malta, il-kundizzjonijiet tal-baħar tjiebu biex l-għawwiema żammew pass konsistenti. Sultana wettaq titjib ta' 18-il minuta mill-ħin li kien għamel is-sena li għaddiet.

Fit-tieni post spiċċa Gilbert Bartolo, filwaqt li Robert Vella spiċċa fit-tielet pożiżjoni. Is-sezzjoni feminili reġgħet għal darb'oħra ntrebħet minn Sarah Demicoli f'ħin ta' 2:44:31. Hija tejbet il-ħin tagħha b'14-il minuta. Lilian Calleja u Nathalie Gauci spiċċaw fit-tieni u t-tielet post rispettivament.

Fit-tiġrija l-oħra, dik bejn Għawdex u Malta, il-club introduċa bidliet fil-format ta' din is-sena, fejn id-distanza ta' 5.5 kilometru ġiet estiża għal aktar minn 6 kilometri. Il-kurrenti aktar b'saħħithom minn tas-soltu fil-Kanal ta' Kemuna għamlu l-bidu wieħed diffiċli lill-għawwiema li telqu minn Hondoq Ir-Rummien sal-Bajja tal-Marfa. Appena l-għawwiema laħqu Kemuna, huma ħelsu xi ftit minn dawn il-kurrenti blex it-tellieqa offrlet iktar sfida bejn l-għawwiema fejn bosta minnhom ma tejbux il-ħin personali tagħhom.

Dylan Cachia, minkejja li wara kilometru u għall-biċċa l-kbira l-oħra tat-tiġrija sofra minn bugħawwieġ, xorta waħda rnexxielu jirbaħ il-kategorija maskili. Huwa kellu sfida qawwija minn André Camilleri fejn disa' sekondi biss isseparaw liż-żewġ atleti. Isaac Micallef spiċċa fit-tielet post.

Il-kategorija feminili ntrebħet minn Hannah Pace, iċ-champion nazzjonali tat-Triathlon minkejja li kien hemm ukoll favorita Maya Schembri Rodgers. Pace spiċċat fuq quddiem b'vantaġġ ta' żewġ minuti. Fit-tielet pożizzjoni kklassifikat il-veterana Isabelle Zarb.

Fi tmiem it-tiġrijiet saret l-premjazzjoni lir-rebbieħa minn Joe Caruana Curran, president tal-ASA, Raymond Grech, president, ta' Birkirkara St. Joseph Sports Club u Henri Mattocks, General Manager tar-Ramla Bay Resort.

Birkirkara St. Joseph Sports Club jixtieq jirringrazzja lill-Forzi Armati ta' Malta, Transport Malta, lill-Korp tal-Pulizija, il-Fergħa tas-Salib l-Aħmar ta' Malta, kif ukoll lill-voluntiera u l-marshalls kollha preżenti f'dik l-għodwa hekk bikrija.



Minn James Azzopardi

# L-istil ta' ħajjitna u l-impatt fuq saħħitna

MEUSAC
Malta-EU Steering & Action Committee



Skond l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), l-attività fiżika regolari, bħall-mixi, iċ-ċikliżmu jew il-parteċipazzjoni fl-isport, għandha benefiċċji sinifikanti għas-saħħa. L-evidenza xjentifika turi li stil ta' ħajja sedentarja flimkien ma' dieta fqira jistgħu jwasslu għal saħħa ħażina, b'mod partikolari aktar tard fil-ħajja. Mill-banda l-oħra, minbarra li l-attività fiżika tgħinna niċċaqalqu u nkunu attivi, hu mifhum li tbiegħed jew tnaqqas l-effetti ta' ħafna mard, fosthom dak kardjovaskulari, waqt li ttejjeb l-istil ta' ħajja ta' min jipprattikaha.

Bħal organizzazzjonijiet oħra, l-Unjoni Ewropea (UE) spiss issostni li dan l-aspett tal-isport għandu jkun meqjus bħala pilastru importanti fil-ħajja tagħna. Dan ġie rifless fil-ġimgħa ta' attivitajiet fiżiċi taħt is-slogan #BeActive li saru bejn it-23 u t-30 ta' Settembru madwar l-Ewropa, fosthom anki l-Istati Membri tal-UE. Fil-fatt, matul din il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport ipparteċipaw madwar 32 pajjiż, fosthom Malta, u saru iktar minn 35,000 attività li fihom ħadu sehem aktar minn 10 miljun persuna.

Minbarra l-għaqda ta' nies ta' twemmin, kulturi u personalitajiet differenti, l-għan ta' dawn l-attivitajiet kienu li jħajru lin-nies jiċċaqalqu u jieħdu sehem f'attività fiżika. Dan il-punt ingħata ħafna importanza f'dawn il-jiem.

Tant hu hekk, li fil-ftuħ uffiċjali tal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport ġewwa Tartu, fl-Estonja, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Tibor Navracsics, saħaq li l-obeżità u livelli ta' sanità baxxi huma fost l-ikbar sfidi li jiffaċċjaw iċ-ċittadini Ewropej f'dan il-qasam.

L-aktar statistiċi riċenti tal-Ewrostat dwar dan il-qasam juru li fl-UE, il-proporzjon ta' adulti (li għandhom 18-il sena jew aktar) li kienu kkunsidrati li kellhom piż żejjed, ivarjaw minn 36.1% fl-Italja għal 55.2% f'Malta għan-nisa, u bejn 53.6% fl-Olanda u 67.5% fil-Kroazja għall-irġiel.

Waqt il-ftuħ tal-ġimgħa sportiva, flimkien mal-Kummissarju Navracsics, il-Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza tal-Ikel Vytenis Andriukaitis u d-Direttur Mario Milouchev (rappreżentant tal-Kummissarju għall-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali) nidew dokument qasir jismu Tartu Call for a Healthy Lifestyle. Dan id-dokument jinkludi azzjonijiet li għandha tagħmel il-Kummissjoni Ewropea matul is-sentejn li ġejjin fejn jidħlu l-qasam tas-saħħa u l-attività fiżika. B'hekk, dawn l-azzjonijiet jgħinu biex jissaħħaħ il pjan għall promozzjoni ta' stil ta' ħajja b'saħħitha fl-Ewropa, partikolarment fost it-tfal.

Fost il-15-il azzjoni, insibu prijoritajiet bħaż-żieda fil-fondi tal-Erasmus+ għal proġetti li jippromwovu l-attività fiżika, li l-UE tħeġġeg liċ-ċittadini tagħha jieklu ikel tajjeb għas-saħħa u li l-istatistika dwar l-istil ta' ħajja fl-UE jkunu ppubblikati b'mod aktar frekwenti biex b'hekk ikun




faċli li wieħed ikun jaf x'inhu jseħħ f'dan is-settur.

Ħafna minn din il-ħidma tmur id f'id mal-inizjattiva State of Health in the EU, li ssir kull sentejn. L-għan ta' din l-inizjattiva hu li jgħaqqad l-Istati Membri tal-UE fil-ħidma fis-settur tas-saħħa u fil-fatt jinħarġu diversi rapporti u statistiċi, fosthom id-dokument imsejjaħ Health at a Glance: Europe (rapport ippreparat mill-Organisation for Economic Co-operation and Development (OECD)). Rapporti oħra jagħtu stampa speċifika għal kull Stat Membru rigward is-saħħa taċ-ċittadini (bl-għajnuna tal-OECD u l-European Observatory on Health Systems and Policies tal-WHO).

Skond l-aħħar Health at a Glance: Europe (Novembru 2016), fl-2013 mietu aktar minn 1.2 miljun ċittadin tal-UE minħabba servizzi tas-saħħa li mhumiex effettivi. F'dan ir-rapport insibu li biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa bejn il-pajjiżi, hemm bżonn ta' iktar prevenzjoni u kura ta' kwalità. Għalhekk, ikompli r-rapport, hu importanti li s-sistemi tas-saħħa tal-Membri tal-UE jkomplu jadattaw għaż-żminijiet u ċ-ċittadini tagħhom, speċjalment meta wieħed iqis li l-istennija tat-tul tal-ħajja madwar l-Istati Membri tal-UE żdiedet minn 74.2 sena fl-1990 għal 80.9 sena fl-2014.

L-istil ta' ħajja li ngħixu għandu impatt dirett fuq saħħitna u jmur lil hinn minn hekk ukoll. Għalhekk huwa importanti tassew li nadottaw stil ta' ħajja xieraq u li jiffavorixxi saħħa aħjar u li nipparteċipaw fid-diversi inizjattivi sportivi li jseħħu madwar l-Ewropa u f'pajjiżna wkoll.



## Kampjonat 1963-64

# Jinqala' l-ġlied wara l-logħba Valletta v Sliema Wanderers

**Is-Sitt Ġurnata**

**14-12-1963:**
**Hibernians FC – Ħamrun Sp. FC 1-0**
**H.T 1-0**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skorja. N. Buckle (Hibs) 30'.**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Victor Grima, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Tony Griffiths, Freddie Delia, Victor 'Il-Palun' Cassar (Frans Scerri 46'), Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Norman Buckle (Tony 'Il-Koku' Attard 80').

**Ħamrun Sp. FC:** Lino Mizzi, Ronnie Attard, Joe Stanmore, George Jones, Johnnie Fondacaro, Martin Attard, Pawlu Buttigieg, Albert Calleja, Jimmy Mizzi (Lolly Muscat 60'), Gejtu Briffa (Charles 'It-Topsy' Aquilina 65'), Frans 'In-Nagħga' Xuereb.

1. Hibernians ħadu lura lill-player Frans Scerri mingħand Melita.
2. Norman Buckle ġie sostitwit lejn tmiem il-partita meta weġġa' wara tackle ta' George Jones u ma setax ikompli l-partita.
3. Ħamrun Spartans kienu qed jilagħbu mingħajr Johnnie Mifsud 'Il-Bipu' minħabba li weġġa' waqt li kien qed jilgħab mar-Royal Engineers fic-Charity Match kontra Valletta (0-4) li ntlagħbet fit-8 ta' Diċembru.
4. L-Ispartans ġew imċaħħda minn żewġ penalties matul it-tieni taqsima l-ewwel għal foul ta' Privitera fuq Ċikku Xuereb fil 65 minuta u fit 73 minuta għal hands tal-istess Privitera li waqqaf pass ta' Charles Aquilina lejn Ċikku Xuereb. Fiż-żewġ okkażjonijiet ir-referee Cassar Naudi ħalla l-logħob għaddej.
5. Il-partita bdiet fis-1.45pm minflok fis-2.30 pm bħas-soltu biex ma taħbatx mal-partita, Italja v Awstrija, li kienet ser tintwera diretta fuq it-TV. Minħabba t-tibdil fil-ħin, tħassret il-partita tar-Reserves bejn Rabat u Floriana. Minkejja dan iċ-ċaqliq il-folla li attendiet għall-konfront kienet waħda miżera.

**15-12-1963:**
**Floriana FC – St. George's FC 2-1**
**H.T 2-1**
**Ref: Ritchie Casha**
**Skurjaw: T. Cauchi (F) 17', E. Mizzi (St. Geo) 22' u L. Borg (F) 40'.**

**Floriana FC:** Nenu Fabri, Joe Grima, Tony Sammut, Edward Azzopardi, Lolly Debattista, Freddie Vella James, Lolly Borg (Joe Fava 66'), Żarenu Alamango, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Aquilina, Louis Marmara'.

**St George's FC:** Pawlu Nappa, Karmenu Frendo, Andrew Ellul, Joe 'Puskas' Muscat, Leli Micallef, Joe Brincat, Freddie Demanuele, Edward Darmanin, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Leli Sultana, Agius.

1. Freddie Vella James u Nenu Fabri dehru għall-ewwel darba ma' Floriana FC f'dan il-kampjonat. Vella James kien għadu kemm irritorna Malta tlett ijiem qabel wara li kien attenda kors l-Ingilterra filwaqt li Nenu Fabri kien ilu nieqes kważi sena meta kien ġie sostitwit fil-mistrieħ tal-partita kontra St. George's, kellu xi differenzi mal-kumitat u ma reġax lagħab qabel din il-partita.
2. Nenu Mizzi kien nieqes għal St George's wara li ġie sospiż partita minħabba li tkeċċa fl-aħħar ħarġa kontra Melita.
3. Lolly Borg inbidel f'nofs it-tieni taqsima wara li weġġa' u għal xi ħin deher izappap fil-ground.
4. Fl-okkażjoni tal-goal skurjat minn St. George's ir-referee Casha kien intelliġenti li ħalla l-logħob għaddej minkejja li Lolly Debattista kien ikkommetta penalty meta salva b'idejh minn fuq il-linja daqqa ta' ras ta' Leli Sultana li għelbet lill-goalkeeper Fabri. Ir-referee Casha ħalla l-logħob sejjer meta ra lil Eddie Mizzi dieħel bil-ġirja biex jisskorja bir-ras.

**21-12-1963:**
**Valletta FC – Sliema Wdrs FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Ref: Pawlu Bonnett**
**Skorja: J. Urpani (V) 75'.**

**Valletta FC:** Tommy Taylor, Johnnie Attard, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Joe Cilia, Frankie Zammit, Vince 'Tal-Manager' Vassallo, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Josie Urpani, Freddie 'Il-Waniż' Borg, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci.

**Sliema Wdrs FC:** Freddie Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charlie 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Edward Aquilina, Joe 'Jockey' Xuereb, Joe Cini, George Micallef.

1. Fi tmiem il-partita nqala' xi inkwiet li dam sejjer madwar 20 minuta. Kollox beda meta l-player ta' Valletta Pawlu Gauci mar ixejjer il-flokk ta' Valletta quddiem il-partitarji ta' Sliema biex jinkihom. Din l-azzjoni urtat bis-sħiħ lill-partitarji Slimizi u lill-player Joe Cini li mar għal Pawlu Gauci u beda jimbuttah minn dahru lejn id-dressing-rooms. Il-player Belti irritalja meta xejjer il-flokk f'wiċċ Cini bil-player Slimiż ikun pront jitfgħu mal-art b'daqqa ta' ponn. Immedjatament mar Vince Gauci u xejjer daqqa ta' sieq minn wara lil Cini biex jaqbeż għal ħuh. Min-naħa tiegħu Cini ġera' wara Vince Gauci u tefgħu fl-art ukoll b'diversi daqqiet.

Anke Joe Aquilina deher ixejjer bis-sieq lill-player Belti. Hawn bdew jaqbżu xi partitarji Beltin fil-ground fejn issawtu l-players ta' Sliema 'Jockey' Xuereb li ġie attakkat minn sitt partitarji Beltin u Salvu Bonnici li mar jgħin lil Xuereb. Il-players Beltin Josie Urpani, Joe Cilia u Frankie Zammit flimkien ma' membri tal-Kumitat Belti bdew jgħinu biex iwaqqfu l-ġlied. Sadanittant il-Pulizija kellha tuża l-Fire Engine biex ixxarrab in-nies u tikkalma l-irjus sħan.

2. Ġurnata wara din il-partita l-Pulizija kienu ġabru fid-Depot lill-players Johnnie Attard, l-aħwa Vince u Pawlu Gauci, Salvu Bonnici, Joe Cini u Joe Aquilina flimkien ma' għadd ta' partitarji fejn sarulhom ħafna mistoqsijiet fuq l-inċidenti li seħħew fi tmiem il-partita.
3. Għadd ta' players u partitarji kienu tressqu l-Qorti fuq dan il-ġlied fejn fil-15 ta' Jannar 1963 il-Maġistrat J. Debo-

no kien ikkundanna lil Salvu Bonnici għal multa ta' £2 għax ixxuttja l-ballun fuq in-nies, Johnnie Attard ta' Valletta ingħata libertá bil-kundizzjoni ta' tliet xhur meta nstab ħati li beżaq fid-direzzjoni tal-partitarji ta' Sliema, Joe Cini u Pawlu Gauci weħlu £2 kull wieħed minħabba ġlied. Għadd ġmielu ta' partitarji tressqu l-Qorti u wkoll weħlu l-multi. Iżda l-agħar li marru kienu Alfred Pond, Alfred Galea u Joseph Zammit li kienu weħlu 14-il ġurnata ħabs. Joseph Gauci, missier il-players Vince u Pawlu Gauci, kien ġie liberat wara li kien ammetta li daħal fil-ground iżda qal li għamel dan għax uliedu kien qed jiġu msawta. Huwa qal li ġie kkalmat mill-players Joe Cilia u Johnnie Attard li ħarġuh mill-ground.

4. Matul il-partita r-referee Bonnett kien ammonixxa lil Salvu Bonnici ta' Sliema fit-33 minuta wara li xxuttja l-ballun fuq in-nies u lil Johnnie Attard ta' Valletta lejn tmiem il-partita meta deher jgħaddi xi rimarki lejn is-side tas-Sliema.

5. Fil-Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA tat-Tlieta, 28 ta' Jannar, 1964, kienu tressqu l-players Joe Cini ta' Sliema u Pawlu Gauci ta' Valletta b'konnessjoni malinkwiet li kollu beda mill-ġlied ta' bejniethom. Huma kienu ġew immultati £2 kull wieħed.

6. Valletta kienu għadhom ġejjin minn tour fil-Libja erbat ijiem qabel fejn kienu lagħbu żewġ partiti kontra El Medina fit-13 ta' Diċembru u tilfu 1-0 fejn tkeċċa Borg 'Il-Waniż' u kontra El Ittihad jumejn wara fejn reġgħu tilfu 2-0. Valletta telgħu bl-aħjar skwadra ta' players minbarra l-goalkeeper Tommy Taylor minħabba li l-mara tiegħu kienet qed tistenna tarbija.

7. Charlie Williams kien qed jilgħab għall-ewwel darba fil-kampjonat wara li kien weġġa' fil-partita kontra Dukla fi Praga u kien kompla ggrava l-injury għax kien lagħab anke fil-partita ta' ritorn fl-Istadium. Qabel lagħab fil-kampjonat Williams kien diġá lagħab żewġ partiti tajbin fit-tour li Valletta għamlu fil-Libja.

**22-12-1963:**
**Melita FC – Rabat FC 2-1**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: J. Bonnett (M) pen. 8', C. Zammit (R) 57' u A. Naudi (M) 79'.**
**Referee: Joseph Agius**
**Linesmen: Joseph F. Galea u C. Grech.**

**Melita FC:** George Borg, Alfred 'Il-Paper' Debono, Emmanuel Suda, John 'Casey' Cassar, John Delia, Alfred Dymond, Anton Naudi, Lawrence Borg, Wistin Mallia, John Bonnett (Charles Sultana 54'), Edwin Mifsud.

**Rabat FC:** Charles 'Kastru' Zerafa, Norman Scott, Joe Grech, Frans Peplow (John Sapiano 35'), Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Victor Azzopardi, Leslie Agius, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Nenu Chircop, Charlie Zammit, Joe Vella (Lolly Azzopardi 46').

1. Jumejn qabel din it-telfa Rabat FC ittrasferew lill-coach tagħhom Fredu Church lill-club tat-Tielet Diviżjoni Naxxar Lions fejn minfloku ħatru lil Alfie Pearson. F'dik l-istess gimgħa Naxxar Lions kienu għadhom kemm akkwistaw lil Nenu Mackay 'Il-Wiżża' mingħand Floriana. Church skorja fid-debutt tiegħu ma' Naxxar għalkemm dawn tilfu 3-1 kontra Senglea.

2. Kien hemm diversi protesti mill-players ta' Rabat fuq il-penalty li ngħataw Melita meta sostnew li l-ballun ħabat ma' idejn Peplow b'mod aċċidentali. Biex tkompli tiġihom ħażina seba' minuti wara Rabat ipprotestaw għall-penalty favur tagħhom meta l-ballun ħabat ma' id John Delia fuq xutt mill-qrib ta' Nenu Chircop iżda hawn ir-referee ddeċieda li l-ballun ħabat b'mod aċċidentali.

3. Rabat FC kienu rrapurtaw lir-referee Joseph Agius lill-MFA wara l-kummenti li għadda fuq Ġimgħa 'Sport'. Agius kien iddefenda d-deċiżjonijiet tiegħu fil-partita fir-rigward tal-penalties meta qal: 'Ta' Peplow kien penalty ċar għaliex il-player deher jinħasad li qabżu l-ballun u ħareġ idu.' Filwaqt li fuq il-protesti tal-penalty favur Rabat qal: "Ix-xutt ta' Chircop tant kien qawwi u dritt għal ġol-player tal-Melita li d-difensur lanqas kien jaf li l-ballun ħabat ma' jdejh."

4. John Bonnett ta' Melita weġġa' kmieni fil-partita, kompla jzappap għal diversi ħin u ġie mibdul kmieni fit-tieni taqsima.

5. Il-captain ta' Rabat, George Tonna, ħalla l-ground għaxar minuti mit-tmiem hekk kif Rabat sofrew it-tieni goal meta deher irrabjat ma' sħabu. Meta kien qed jiġi ntervistat fi tmiem il-partita mill-gazzetta 'Sport' ir-referee Agius qal: 'Jiddispjaċini għal Tonna li rajtu ħiereġ jibki mill-ground bid-dispjaċir.'

**Klassifika:** Sliema Wdrs FC 10 pti.; Valletta FC u Hibernians FC 9 pti.; Floriana FC 8 pti.; Ħamrun Sp. FC 5 pti.; Melita FC 4 pti.; Rabat FC 3 pti.; St. George's FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: J. Cini (Sliema Wdrs FC) 6 goals; J. Urpani (Valletta FC) 5 goals; T. Cauchi u L. Borg (Floriana FC); J. Mizzi (Ħamrun Sp. FC); E. Aquilina (Sliema Wdrs FC) u F. Borg (Valletta FC) 4 goals.

## AĦBARIJIET

Fis-6 ta' Diċembru, 1963, il-viċi-president tal-MFA, Robbie Borg Olivier, flimkien massegretarju, Eddie Baldacchino, marru Franza sabiex jattendu għal-Laqgħa tal-FIFA li kienet ser tiddiskuti tibdil fir-regolamenti tal-logħba. Is-Sur Borg Olivier tela' minflok il-president tal-MFA, is-Sur Eugenio Bonello, li erbat ijiem qabel kien ħareġ mill-Isptar tal-Blue Sisters u kien jinsab id-dar għall-mistrieħ.

Fid-9 ta' Diċembru, intlagħbet Charity Match fl-Empire Stadium għal Christmas For Poor Children Fund li fiha Sliema Wanderers għelbu lil MFS Royal Engineers 3-2. Is-Servizzi kienu żewġ goals minn fuq sal-mistrieħ skurjati minn Reeves u Connor bil-Wanderers idawru r-riżultat fit-tieni taqsima b'żewġ goal minn 'Jockey' Xuereb u goal ta' Joe Cini. B'kollox inġabret is-somma ta' £120.

Fil-11 ta' Diċembru 1963, 15-il player ta' Valletta flimkien mal-uffiċjali tal-club Joseph Salinos, Paolo Bonnici u Anthony Saliba u d-delegat tal-MFA Jimmy Xerri De Caro marru Tripoli sabiex jilagħbu żewġ partiti ta' ħbiberija. Fil-fatt Valletta tilfu ż-żewġ logħbiet kontra Medina (0-1) fit-13 ta' Diċembru fejn tkeċċa Freddie Borg 'Il-Waniż' u kontra El Ittihad (0-2) jumejn wara. Huma rritornaw Malta fis-17 ta' Diċembru.

Fit-22 ta' Diċembru, 1963, f'partita tal-Minor League St. Joseph FC tal-Imsida għelbu lil St. Andrew's ta' Ħal Luqa 10-0. St. Andrew's niżlu għall-partita b'disa' players.

Fit-23 ta' Diċembru 1963, il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA issospenda lil Alfred Abela ta' St. Patrick għal sentejn wara li xejjer bis-sieq lir-referee Pawlu Farrugia waqt il-partita tat-Tieni Diviżjoni kontra Gżira United li huma tilfu 4-0. Abela kien jinsab fil-quċċata tal-aqwa skorers tat-Tieni Diviżjoni bi tmien goals. Anke l-goalkeeper L. Scicluna ġie sospiż għal xahar minħabba mġieba ħażina fl-istess partita.

Fit-23 ta' Diċembru, 1963, il-Bord tal-Appelli tal-MFA ffurmat mill-Kaptan Ġiġi Borg bħala chairman u mill-Maġġur W. Bonello u Edwin Meli, ikkonfermaw il-multi ta' £10 kull wieħed lill-clubs ta' Hibernians u Mosta għal ħlas ta' flus li saru fuq il-player Johnnie Attard li kien amateur. Hibernians kienu ħallsuh tal-ispejjeż tat-training filwaqt li Mosta kienu rċevew somma flus mingħand Hibernians għat-trasferiment tiegħu. Quddiem il-Bord Hibernians kienu rappreżentati minn Carmel A. Baluci, Mosta mis-Sur Cauchi filwaqt li is-segretarju tal-MFA, Eddie Baldacchino, irrapreżenta l-Association.

Fid-29 ta' Diċembru 1963, il-viċi president tal-MFA Robert Borg Olivier ippreżenta t-Trofew tal-Footballer of the Year lil Edwin Schembri 'id-Dwinu'. Il-preżentazzjoni saret qabel il-partita tat-Tourney tal-Milied bejn Valletta u Spartak Motorlet. Schembri, li kien waqaf mill-football, għall-okkażjoni libes il-flokk ta' Valletta FC.

Il-partita ta' ħbiberija li kellha tintlagħab, it-Tnejn, 6 ta' Jannar, 1964, bejn Valletta u selezzjoni ta' players mill-clubs ta' Sliema, Hibernians, Melita u Rabat tħassret mill-Kunsill tal-MFA minħabba li ġie kkalkulat li ma kienux ser jinġabru l-ispejjeż tal-Pulizija u kienu ser joħorġu bit-telf.




EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Manchester United

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 2017

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Manchester United ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 127



Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 126 huwa:
**A. Duncan - Mosta**

# Tisliba



## Soluzzjoni - Ħarġa nru 126

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| W | E | I | G | H | T | L | I | F | T | I | N | G | |
| O | | B | | O | | Y | | I | | N | | A | L |
| J | O | R | G | E | L | O | R | E | N | Z | O | | O |
| C | | I | | G | | N | | L | | A | N | | R |
| I | N | C | H | E | O | N | | D | I | G | E | O | N |
| E | | I | | R | Y | A | N | | | H | | | A |
| C | O | C | U | | O | I | T | A | | I | | L | |
| H | | | L | E | N | S | | R | E | | B | A | T |
| O | Z | I | L | | G | | | M | | S | | T | |
| W | | R | A | M | O | N | S | A | N | C | H | E | Z |
| S | A | U | | I | | A | | R | | H | | E | |
| K | | S | H | K | E | N | D | I | J | A | | F | A |
| I | C | T | | K | | C | | O | | L | O | | A |
| | | A | B | O | N | Y | I | | E | L | N | U | R |

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru 2017:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 126:
**S. Saliba - San Gwann**

Created by Joseph Pisani - Papillon Services - Malta
Tel: 356 7906 8305 - E-Mail: pisanijoseph@gmail.com

**MIMDUDIN**

1) "Wanda ..........", li stadium il-ġdid ta' Atletico Madrid (13)
8) u 15) Karl, midfielder difensiv ta' Kalkara FC (4)
9) Wang, player professjonali Ċiniż tas-Snooker (6)
10) Mason, atleta Amerikan fix-Shot u fid-Discus (6)
12) Belt ospitanti għall-Fifa WC 2018 (13)
15) Ara 8 Mimdudin
16) Zammit, ex player ta' Ta' Xbiex Waterpolo Club (4)
17) Oscar Guerrero, ex attakkant Kolumbjan ta' Balzan Youths (8)
21) u 38) Abdalelah, sprinter fl-400 metru mill-Qatar (6)
22) u 23) Pierre, difensur ċentrali tal-Afrika t'Isfel fil-Fifa WC 1998 (4)
23) Ara 22 Mimdudin
25) "Goal" għat-Taljani (4)
26) Bibiana, l-ewwel referee mara fil-Bundesliga (9)
27) u 34) Madrid, "Los Merengues" (4)
29) "La Scala del Calcio", għadu kif għalaq 91 sena (3,4)
32) Azzopardi, left-back ta' Senglea A. (3)
33) "Best of ...", ex żiemel veteran Svediż (4)
34) Ara 27 Mimdudin
35) Yashin, "The Black Panther" (3)
36) Attard, footballer femminili ta' Swieqi United (7)
38) Ara 21 Mimdudin
39) Francisco "Paco" .... López (5)

**WEQFIN**

1) Floyd Jr, 50 glieda u 50 rebħa b'27 knock-out (10)
2) Kelly, player femminili ta' Sliema Waterpolo Club (13)
3) Chibuike, midfielder internazzjonali tan-Niġerja (5)
4) u 11) Raimundo, "Arġentin" li rebaħ il-Fifa WC fl-1934 mal-Italja (4)
5) Nosa, midfielder ta› Vancouver Whitecaps u n-Niġerja (7)
6) René, goalkeeper ta' Mainz u tal-Germanja (5)
7) Osemenam, player ta' Missouri State Lady Bears Basketball (4)
11) Ara 4 Weqfin
13) Mickael, difensur ta' Thonon Évian Savoie FC fi Franza (3)
14) Eduard, midfielder internazzjonali tal-Moldova (5)
17) Il-Gunners ta' Arsene Wenger (7)
18) Bobo, 143 partita u 103 goal ma' Inter (5)
19) Illaramendi, midfielder Bask ta' Real Sociedad (5)
20) Roy, sprinter fil-200m mill-Indja (4)
24) Marco, ir-rivelazzjoni ta' Real Madrid u Spanja (7)
28) Biscardi, preżentatur sportiv Taljan li miet dan l-aħħar (4)
30) "Grand ....", serje ta' rebħiet f'numru ta' Sports (4)
31) Blokhin, 112 partita u 42 goal għall-Unjoni Sovjetika (4)
32) Balzan, ex player internazzjonali Malti ta' li Squash (4)
37) Omonia Nicosia (1,1)

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

---

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 40 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt